analiżi

VOL. 5 N.1 – OTTUBRU–NOVEMBRU, 1991
RIVISTA TA' KRITIKA GĦALL-MATRIKOLA TAL-MALTI
PUBBLIKATA MID-DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI

JUNIOR COLLEGE
LIBRARY



"ILĦNA MKISSRA" U L-POETI INDIVIDWALI TEMI ZAMMIT
IL-MORFEMA FIL-MALTI "MANDALA" TA' PHILIP SCIBERRAS
IR-REGOLI L-ĠODDA (1984) TAL-AKKADEMJA
ŻEWĠ STUDJI FUQ "QAWSALLA" – L-I U R-IV TAQSIMA
TAĦRIĠ FL-ITTRA U FIR-RAPPORT U TWEĠIBIET MUDELLI
"ANTOLOĠIJA TA' PROŻA" IR-RAĦAL U S-SOLITUDNI F'DUN KARM
"AĦNA SINJURI" BĦALA RUMANZ SOĊJALI

New!

Selekta

NEW Attractive Packs **NEW** Delicious Flavours

● ORANGE NECTAR ● PEACH & APRICOT NECTAR ● BANANA & PEAR NECTAR

Selekta *Truly Fruity*

JUICES AND NECTARS

IL-PRASPAR

MIKTUBA MINN DUN XAND CORTIS

edizzjoni kritika ta' ĠORĠ MIFSUD



Il-Praspar Miktuba Minn Dun Xand Cortis igħinek tifhem stadju importanti mill-iżvilupp tal-proża Maltija fil-bidu tas-seklu għoxrin. Għall-istudju ta' l-*Antoloġija ta' Proża* (1978, 1979) ta' Ġużè Aquilina bħala wieħed mit-testi għall-eżami tal-Matrikola Avvanzata, wieħed irid jaqra mhux biss id-90 praspura li kiteb Cortis imma wkoll l-istudju oriġinali li kiteb fuqhom Ġorġ Mifsud. Il-praspura ta' Cortis tingħażel għal kollox mill-ħrafa li ġabar Manwel Magri, S.J. u mill-kitbiet ta' Annibale Preca, Temi Zammit u Ġorġ Zammit.

Kif jistqarr fost l-oħrajn Mifsud, "Fil-praspura-aneddottu ta' Cortis hemm l-aspett didattiku bħal ta' l-*exemplum*, iċ-ċajt qawwi, goff u fin tal-*facetiae* imma nieqsa għal kollox minn xi elementi erotiċi għax dawn jeħduha kontra l-għan dikjarat ta' l-awtur. Hemm ukoll il-karatteristiċi ta' l-i*Schwank*, l-aktar l-injuranza grassa, iċ-ċajt goff, l-imġiba arroganti u sfaċċata, sitwazzjonijiet komiċi, is-serq bis-sengħa u xi ġrajja amoruża ħafifa 'l hemm u 'l hawn."

Il-*Praspar* kienu ħarġu fi tliet volumi fl-1907, fl-1910 u fl-1914. Fi żmienhom stess kienu diġà nħatfu għalkemm is-suq għall-ktieb Malti kien għadu qed jinħoloq. Fl-edizzjoni ta' Mifsud hawn ukoll il-bijografija ġdida ta' Cortis li tixħet dawl frisk fuq Dun Xand Cortis bħala qassis filantropu u predikatur Malti. Hawn ukoll għadd sabiħ ta' ritratti.

Kif stqarr 'il fuq minn sebgħin sena ilu l-Prof. Anastasju Cuschieri, "il-kotba ... ta' Dun Xand Cortis għad ġurnata jkunu miżmuma bħala 'mudell' ta' veru qari Malti...". U l-*Praspar* tiegħu jibqgħu dejjem friski. Huma folkloristiċi kif kienu meta nkitbu tmenin sena ilu. Iġibulna quddiem għajnejna l-ħajja ta' missirijietna, li ladarba nidħlu fiha, qajla nkunu rridu noħorġu minnha.

Jinbiegħ mingħand il-

Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
P.E.G. Building, Sqaq Sannat, il-Marsa, Malta
(Telefon: 224186, 238840)

u mil-librara ewlenin.

analiżi

IS-SILLABU L-ĠDID TAL-LIVELL AVVANZAT

Ħadna gost ħafna meta għall-ħabta ta' nofs Ottubru sirna nafu bit-tibdil li seħħ fis-sillabu tal-Matrikola tal-Malti fil-Livell Avvanzat għas-sena 1993. Il-gost tagħna kien doppju għax it-tibdil laqat mhux biss lit-II Karta iżda wkoll lill-I waħda.

Jolqotna l-aktar it-tibdil li sar fl-I Karta għax din qatt ma ntmesset sa minn mindu nbidlet skond "is-sillabu l-ġdid" fl-aħħar snin tas-Sebgħinijiet u fil-bidu tat-Tmeninijiet – ħlief li mal-lingwistika Maltija tal-Prof. Ġużè Aquilina żdied il-ktieb tal-Prof. Dwardu Fenech *Lingwistika Ġenerali*.

Issa, b'varjazzjoni mat-traduzzjoni, l-eżaminatur jista' jagħżel li jagħti t-taħriġ fuq "tema biex dwarha tinkiteb ittra f'ġurnal". Dan it-taħriġ diġà qed jingħata fil-Livell Ordinarju u għalina hu pass tajjeb fiż-żewġ livelli għal min irid jistħarreġ kemm l-istudent kapaċi juri "l-għarfien [tiegħu] tas-sistema lingwistika Maltija" u kemm jaf jasal biex il-"ħsieb ... jitfisser b'Malti sintattikament u idjomatikament tajjeb".

Iżda fiż-żewġ livelli hemm nieqes it-taħriġ li jistħarreġ xjentifikament kemm l-istudent ikun fehem il-lingwa Maltija – il-komprensjoni. Ikun hemm komprensjoni kbira u sħiħa daqskemm wieħed ikun daħal fis-sistema tal-lingwa li tkun tnisslet fih mis-silta li jkollu quddiemu u jkun sensittiv għaliha fl-aspetti kollha tagħha. Il-komprensjoni hija ħaġa waħda mill-proċess tat-trasferiment tat-tifsir. Il-kittieb juża mezzi letterarji biex ipattu għan-nuqqas ta' kuntatt wiċċ imb'wiċċ bejnu u l-qarrej. Wisq aktar meta jkun hemm reġistri differenti tal-Malti miktub u l-qarrej irid ikun midħla tal-iskopijiet differenti li jkollhom. Daqskemm huwa indispensabbli li l-ideat dak li jkun ifissirhom sewwa, daqshekk ieħor huwa indispensabbli li jifhem l-ideat tal-oħrajn. Aktar ma wieħed jagħmel taħriġ fil-komprensjoni aktar jidra jaqra bl-attenzjoni u aktar jieħu gost iġarrab l-esperjenzi differenti tal-lingwa.

Il-kitba tal-esej u t-taħriġ fil-komprensjoni jmorru flimkien. Aktar ma wieħed jifhem bir-reqqa kulma jkun kiteb ħaddieħor, aktar isir kritiku, aktar isir fin fl-isforzi tiegħu hu u jikteb il-kelma miktuba. U aktar ma wieħed jifhem kulma jkun kiteb hu stess, aktar isir konxju kritikament ta' kulma kiteb ħaddieħor. Il-komprensjoni hi taħriġ oġġettiv biex juri l-kapaċità lingwistika tal-istudent minn silta li tkun komuni għal kulħadd biex kulħadd ikollu l-istess toqol u mhux bil-varjetajiet li taċċetta t-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti u wisq aktar il-komponiment ġenerali. Anki fl-immarkar tal-karti l-eżaminatur isib xi jgħinu fil-komprensjoni!

Ritratt tal-qoxra: "Fiat Voluntas Tua", Kristu jilqa' b'umiltà kbira s-sagrifiċċju tal-passjoni. Dettall tal-wiċċ, 'ġesso' tal-iskultur Joseph Mary Genuis.
(Ħajr lil P.E.G. Ltd, il-Marsa)

Rivista għall-Matrikola tal-Malti
Pubblikazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

© 1991 Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

© Dritt Letterarju tal-kittieba

Kull jedd miżmum. Din ir-rivista qed tinbiegħ bil-kundizzjoni li ma tistax tinsilef, terġa' tinbiegħ, tingħata b'xejn, f'xi forma oħra ta' stampar jew qoxra, ħlief kif inhi ppubblikata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. L-ebda silta minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta b'xi mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, rekordjat jew b'kull mod ieħor mingħajr il-permess **bil-miktub** tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Stampat mill-P.E.G. Ltd, Il-Marsa.

Ċermen tal-Bord Editorjali: DR PAUL HEYWOOD
Edituri: ĠORĠ MIFSUD u MARIO AZZOPARDI
Relazzjonijiet Pubbliċi: ADRIAN STIVALA
Awditur: JOHN FERNANDEZ

Indirizz Editorjali:
"Analiżi",
Il-Liċeo Superjuri G.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono,
L-Imsida.
Tel: 224271/5, is-Sinjorini Mary Azzopardi u Marie Gravina.

Nota editorjali: L-ideat tal-kittieba mhux bilfors jirriflettu l-fehmiet tal-Bord Editorjali.

ABBONAMENT U ĦARĠIET ANTIKI

• Jaqbad mill-ħarġa ta' qabel

Vol. 3 n. 4: Ilħna Mkissra: X'Qegħdin Igħidu l-Kritiċi; Komponimenti mudelli: Politika favur l-Ambjent Teqred jew Toħloq l-Impjiegi? u Il-Ħsejjes li Jogħġbuni; It-Traduzzjoni fil-Malti; *L-Ewwel Jien!*; L-Iżvilupp ta' l-Azzjoni fir-Rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (9); Wirt Dun Karm fil-Letteratura Maltija; Taħriġ fl-Ittra u fir-Rapport; Is-Soġġettività ta' Ruġar Briffa; Intervista ma' Ġużè Diacono dwar "L-Ġharusa"; Kritika Letterarja: "Il-Mewt tas-Sieħba" ta' Anton Buttigieg; Taħriġ fil-grammatika; Ir-Regoli l-Ġodda ta' l-Akkademja tal-Malti (2).

Vol. 3 n. 5: L-Antoloġija *Ilħna Mkissra*: Dwar il-Poeti; Il-Kitba ta' l-Esej; L-Iżvilupp ta' l-Azzjoni fir-Rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (10); Taħriġ fl-Ittra u fir-Rapport; Ruġar Briffa: l-Eżistenza, il-Poeta u l-Imħabba; Intervista ma' Ġużè Diacono fl-1970; Komponimenti Mudelli: Fuq Dahar Debba fit-Tlielaq taż-Żwiemel u Fl-Ġħaqda l-Progress tal-Pajjiż; X'Għandi Nfittex fil-Poeżija; Il-Bidu tal-Palk Malti; Analiżi Kritika ta' "Il-Bosk" ta' Achille Mizzi; Ir-Regoli l-Ġodda ta' l-Akkademja tal-Malti (3).

Vol. 4 n. 2: Ilħna Mkissra: Mill-Estasi ġħar-Riflessjoni, Frederick Chopin, u l-Ātman; l-antoloġija *Qawsalla*: is-sillabu, il-Mudell ta' Karta ta' l-Eżami, u riferenza għall-kuntest; Komponiment Mudell: L-Ikel qed Jagħmlilna Ġid jew Ħsara?; Il-Bidu tal-Palk Malti (it-tielet parti); It-Teatru Romantiku Malti; Il-Fonema fil-Malti (it-tieni parti); Ruġar Briffa: l-Imħabba u ż-Żmien; Taħriġ fl-Ittra u fir-Rapport; Devjazzjoni tal-Prosodija Moderna; L-Aspett Romantiku f'Dun Karm; L-Iżvilupp ta' l-Azzjoni fir-Rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (12); Tweġibiet għall-Ewwel Karta ta' l-Eżami – Livell Ordinarju.

Vol. 4 n. 3: L-antoloġija *Qawsalla*: L-Ewwel Taqsima: Il-Preistorja fil-Poeżija; *Antoloġija ta' Proża*: Mikiel Anton Vassalli, Dun Xand Cortis u s-Sehem ta' Ġużè Bonnici; Influssi fix-Xoġħlijiet ta' Dun Karm u Patrijotiżżmu, Nostalġija u Sentimentalità; *Ilħna Mkissra:* il-Braħma; In-Niket fil-Poeżija ta' Ruġar Briffa; L-Analiżi tal-Poeżija Moderna; Il-Fonema fil-Malti (it-tielet parti); kitba kreattiva: Sophie ... u l-Pupa tal-Ħġieġ; Taħriġ fl-Ittra jew fir-Rapport.

Vol. 4 n. 4: L-Ewwel Jien!; Il-Lirika ta' Ruġar Briffa; Philip Sciberras: L-Ironija tal-Mandala; Il-Figura ta' l-Omm fil-Poeżija ta' Dun Karm u l-Femminilità; l-antoloġija *Qawsalla*: L-Ewwel Taqsima: Il-Poeżiji ta' Dun Karm u taħriġ fir-riferenza għall-kuntest; Lingwistika: L-Elementi Ewlenin tal-Malti, il-Morfema fil-Malti (l-ewwel parti) u l-Lingwistika fid-Dawl ta' l-Istorja; esej mudell: Mit-Tieqa ta' Kamarti; Ir-Regoli l-Ġodda ta' l-Akkademja (4); L-Astratt fil-Poeżija Moderna; Taħriġ fl-Ittra jew fir-Rapport.

Ilħna Mkissra

NOTI DWAR POETI INDIVIDWALI

Fil-ħarġa ta' *Analiżi* ta' Novembru, 1990 (vol. 4 n. 2), konna tajna tagħrif dwar diversi poeti fl-antoloġija *Ilħna Mkissra*. Illum se nkomplu bir-rassenja tagħna u naraw fil-qosor x'inhuma l-karatteristiċi li jindividwalizzaw lill-bqija tal-poeti.

JOE FRIGGIERI

Twieled Ħal Lija fl-1946 u għandu żewġ dottorati fil-Filosofija, wieħed minn Milan u l-ieħor minn Oxford. Dan l-isfond akkademiku jfehemna n-nisġa loġika li hemm f'ħafna mill-poeżiji tiegħu. Friggieri għamel xi snin jistudja għal saċerdot, u minn hawn jasal aspett ieħor tal-lirika tiegħu, l-aspett reliġjuż. Friggieri joħloq poeżija ritwalistika u ta' ċertu seħer, poeżija maħkuma b'sens ta' liturġija. Ta' min iqis ukoll il-vokazzjoni teatrali ta' Friggieri bħala reġista għall-palk. Dan il-fatt jista' jkun li ta lill-poeżija tiegħu sens ta' drammatiċità xenika, bħal "Stultifera Navis", "Tfulija" (bl-ossessjoni tagħha għad-dettall) u "Xjuħija". F'dan il-poeta hemm jaħdem qawwi l-element ironiku, bħalma jiġri f'"Milied f'Bejrut", fejn, fi ftit kliem, innu popolari tal-Milied jingħata dimensjoni mimlija ironija li fi żmienna nifhmuh sew.

RENA BALZAN

Twieldet is-Siġġiewi fl-1946. Speċjalizzat fil-Bijoloġija Ġenetika u llum tgħallem is-suġġett fl-Università ta' Malta. Ma tantx issib min hu impenjat fix-Xjenza u fil-letteratura, iżda fil-każ ta' Rena Balzan, dan "iżżwieġ" qiegħed hemm u jinħass minn waqt għal ieħor. Mill-isfond xjentifiku tagħha, Balzan tislet il-preokkupazzjoni tagħha dwar l-abbuż min-Natura. Il-moħħ xjentifiku tagħha joħloq effetti "sintetizzati" tar-realtà, fejn il-vokabolarju ta' spiss jinħass xott, kważi "sterilizzat", biex nużaw aġġettiv li juża Peter Serracino Inglott fil-kummentarju li jagħmel għall-poeżiji tagħha. Il-poeżiji ta' din l-awtriċi jintrabtu ma' xulxin, jissenslu waħda ma' l-oħra bħal ħoloq f'ħannieqa. Hemm kontinwità tematika u kontinwità stilistika. Kull poeżija tagħti lok għal riflessjoni twila, u dan juri s-sensibbiltà psikoloġika ta' Balzan. Interessanti f'din il-poetessa kif tkisser il-fruntiera bejn l-astratt u r-realtà.

OLIVER FRIGGIERI

Twieled il-Furjana fl-1947. Speċjalizza fil-kritika letterarja u għandu dottorat fil-Letteratura Komparata. Ix-xogħol tiegħu hu varjat, minn oratorji kantati għal drammi patrijottiċi, minn studji kritiċi għal rumanzi provokattivi li donnhom iridu jisfrundaw il-qafas "giddieb" tas-soċjetà Maltija. Ir-rumanz tiegħu *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (1986) ħoloq kontroversja kbira fil-kamp politiku. L-antipatija u l-isfiduċja li Oliver Friggieri jħoss lejn il-partiġġjaniżmu politiku Malti jidhru fil-qilla tagħhom fl-antoloġija *Ilħna Mkissra*. Għal Friggieri, Malta hija l-art fejn igħixu żewġ tribujiet slavaġ, b'żewġt ibnadar differenti. Il-ħin kollu jixtieq l-ilma, l-għajn tal-purifikazzjoni, tal-magħmudija mid-dnub nazzjonali kollettiv li wassal għal tant firda u mibegħda fost il-poplu Malti. Daqstant ieħor hu qawwi l-ġudizzju li Oliver Friggieri jgħaddi fuq Malta, il-frotta li nqatgħet qabel żmienha, il-poeżija miktuba ħażin għax il-poeta tfixkel fil-metri, is-somma matematika maħduma b'ħafna żbalji. Fuq kollox, għal poeta bħal Friggieri, Malta hi "vapur bla boxxla, li miexi bla kaptan u passiġġieri". Fix-xogħol ta' dan il-poeta jiddomina t-ton ta' eleġija, mhux biss f'passaġġi funerarji (bħal dawk li jfakkru lil uliedu ċkejknin li twieldu mejta) iżda wkoll f'xogħlijiet oħra fejn l-eleġija hi dedikata lill-umanità kollha kemm hi. Hemm effetti importanti fil-poeżija tiegħu li għandhom x'jaqsam max-xewqa għad-"djalogu". Qatt m'hu ċar ma' min qiegħed jiddjaloga iżda hemm "jien" jitkellem f'isem "aħna" u hemm poeta jindirizza lil xi ħadd li jissejjaħ biss "int". Iżda l-parti l-oħra, "l-ieħor" tad-djalogu, qatt m'huma ċari. Tgħid, wara kollox, dan huwa eżerċizzju introspettiv fejn il-poeta jitkellem mal-ħafna ilħna li jħoss li hemm ġo fih?

ALBERT MARSHALL
Twieled l-Imsida fl-1947. Studja fis-Seminarju tal-Arċisqof u l-Università ta' Malta, minn fejn ħareġ biex jiddedika ruħu għat-teatru. Illum igħix l-Awstralja. Għad baqa' fih in-nostalġija għal pajjiżu, u x-xogħlijiet kollha li jidhru f'*Ilħna Mkissra* jagħtu xhieda tal-imħabba li Marshall għad baqagħlu għal Malta. F'dan il-poeta n-nostalġija mwassla sa żmien it-tfulija, żmien l-innoċenza. Għalih, l-ispirtu tat-tfulija huwa aqwa minn kollox. In-nota soċjo-politika ħarxa ta' Marshall tindaqq fil-poeżija "Inka", fejn jattakka lil dawk li ttradew lis-soċjaliżmu u sfruttaw l-injoranza tal-ħaddiema.

DOREEN MICALLEF
Twieldet il-Furjana fl-1949. Minbarra li hi kittieba tal-poeżija, Micallef għamlet karriera bħala drammatriċi, l-aktar għar-radju. Serracino Inglott josserva li Micallef iżżomm battuti sempliċi u tuża ħafna r-ripetizzjoni biex tibni ritmi li jossessjonaw lill-qarrej. L-istess kritiku jqabbilha ma' direttur ta' orkestra li, mill-istrumenti kollha, jagħżel li jisħaq fuq it-tnabar. F'Micallef hemm qawwi s-sens ta' paradoss li jinħoloq ta' spiss bejn żewġ persuni meta r-relazzjoni tagħhom ma tibqax friska jew ċara. Jinħass fil-poeżiji tagħha n-nuqqas ta' komunikazzjoni fil-familja, fil-politika, u l-poetessa, minkejja t-tbatijiet kontinwi tagħha, timxi bħal suldat, bit-takkuna tħabbat, mingħajr ma trid tħares lura. Minkejja l-kruha kollha li tħoss u tara madwarha, Micallef tħalli post għad-dinja tal-ħolm, għar-renju tas-sħarijiet, fejn il-bnedmin "jistgħu jsiru friefet", fejn hemm l-inċens tal-Orjent, fejn hemm l-Utopja.

MARIO AZZOPARDI

IR-RAĦAL F'DUN KARM

FIL-POEŻIJI ta' Dun Karm hawn il-kuxjenza ambjentali favur il-post fejn joqgħod. Malta tidher bħala art żgħira miżgħuda bil-valuri tagħha ta' kuljum kif jippreżentawhom il-Maltin stess bis-seħer tipiku ta' pajjiżhom.

Il-poeżija ta' bosta pajjiżi tal-Mediterran tintrabat mal-ambjent. Dun Karm qiegħed jgħarrex u jissaħħar il-ħin kollu bl-ambjent Malti. Ikun hemm waqtiet meta ż-żmien ikun qed jindaħal iżżejjed u hawnhekk Dun Karm jitniehed u jinfexx fin-nostalġija. L-oġġettività tas-sitwazzjoni tirrifletti r-realtà spiritwali.

Dun Karm jitgħaxxaq huwa u jiskopri lill-Maltin tradizzjonali, it-tradizzjonijiet u l-postijiet kollha li jfakkru fl-importanza tal-ambjent safi Malti. Dun Karm qisu t-turista stess f'pajjiżu, ifittex u jsib il-wirt minsi Malti u jgħaddih lill-Maltin bierda biex jgħożżuh kif jixraqlu bħala l-*wirt tagħhom*.

Dun Karm huwa poeta raħli, sew għax twieled f'qiegħ ir-raħal (ara, "Lil Ħaż-Żebbuġ Raħal Twelidi") kif ukoll għax romantikament u reliġjożament in-nies "tar-raħal" jidhru dejjem bħala l-aktar nies awtentiċi u li jixhdu l-identità tal-pajjiż bis-snajja' u l-ħidma ta' kuljum (ara, "In-Nissieġa", "It-Tifla tar-Raba'" u "Il-Għodwa") quddiem l-artifiċjalità tan-nies "tal-belt". "Xenqet ir-Raba'" tiġbor dan il-konfront bejn iż-żewġ ambjenti, b'insistenza lessikali "Ma rridx / Irrid":

Iftħuli dawn is-swar ħa' noħroġ barra
Fix-xemx, qalb l-għana tal-għasafar, fl-ajru.
Mimli bis-saħħa, ifuħ b'riħet il-plejju,
B'riħet is-sagħtar.

Ma rridx niddellel iżjed f'dawn it-toroq
Li minnhom jidher terħa kaħla s-sema;
Taħt riġlejja ma rridx qatran u żonqor
Iebes bla ħniena.

Irrid taħt riġli nħoss ir-rtuba ħelwa .....
.....

U hemm nixtieq immut: minn hemm tittajjar
Aktar ħafifa qalbi lejn is-sema;
Aktar ħieles hemmhekk jinġabar ħsiebi
Fil-ħniena t'Alla.

L-ambjent tradizzjonali u l-ambjent naturali joħolqu l-armonija sħiħa ma' dawn il-protagonisti tradizzjonali. Fis-snajja' li qed jgħixu hemm il-wirt folkloristiku li għadda minn ġenerazzjoni għall-oħra u nżamm sħiħ (ara, "Lill-Miħna tar-Riħ", "Għasel Malti", "Lill-Għonnella", "Presepju ta' Tfuliti" u "Otia Aestiva"). Fuq kollox taħkem ħafna l-ambjentazzjoni pajsaġġistika bil-kwadretti tiegħu, b'riferenzi spissi għall-inħawi tipiċi Maltin, bħal f'"Erbat Ijiem l-Imġarr u l-Ġnejna". Is-sikta u l-ħlewwa u l-kollaborazzjoni nazzjonali bejn il-Maltin ta' dari u l-ambjent ta' madwarhom kollha huma d-doni sbieħ li għandhom jinkuraġġixxu lill-Maltin biex jgħożżu 'l art twelidhom u ma jinqatgħux minnha. Lilu, imbagħad, twasslu biex mill-lokalizzazzjoni tan-natura Maltija jgħaddi għall-universalità tal-problemi eżistenzjali li jistħarreġ bħal f'"Jien u Lil Hinn Minnu".

IR-RIVISTA

magazin ġdid għall-familja Maltija



IR-RIVISTA hija magażin ġdid ta' kull xahar mimli b'artikli varjati f'64 paġna ta' interess għall-familja kollha. Joffri sigħat sħaħ ta' qari divertenti bil-Malti.

Il-kontributuri, uħud mill-aqwa kittieba f'Malta, jagħtuna għażla sħiħa ta' suġġetti: sports, kultura, mużika, films, saħħa, liġi u l-Malti. Issib ukoll il-komik, l-umoriżmu, in-novella, l-istejjer għat-tfal u t-tagħrif għannisa, informazzjoni dwar il-karozzi u d-dgħajjes, il-ħsieb spiritwali, kompetizzjonijiet u taħbil il-moħħ.

TMIEN PAĠNI MILL-AĦĦAR ĦARĠA TA' *IR-RIVISTA* QED JINGĦATAW *B'XEJN* F'DIN IL-ĦARĠA TA' "ANALIŻI".

Żgur li wara li taqrahom tkun tixtieq li tissieħeb ma' madwar 3,000 familja li qed jixtru **IR-RIVISTA** kull xahar. Abbonament jiswa biss Lm5.40ċ għal sena sħiħa. Il-kopji jaslulek id-dar bil-posta u, jekk tabbona minnufih, tirċievi wkoll il-ħarġa tal-Milied 1991 b'xejn.

ABBONAMENT 1992

Lil: Gratis Publications,
Empire House, Triq Ħal Qormi, B'Kara (Tel: 483610/1/2)

Qed nibgħatlek Lm5.40ċ bħala abbonament f'IR-RIVISTA għat-tnax-il ħarġa tas-sena 1992.

L-isem: .....

L-indirizz: .....

..... Nru tat-telefon: .....

Iktbilna wkoll l-ismijiet tal-aktar tliet kantanti/gruppi kif ukoll l-aktar tliet artisti favoriti tiegħek.

_____ _____ _____

PHILIP SCIBERRAS

GĦALIEX MANDALA? Għaliex l-ossessjoni tal-poeti moderni Maltin, bħal Sciberras, b'elementi orjentali, anki l-Induwiżmu?

Din il-mistoqsija titwieġeb fid-dawl tal-isfiduċja li l-poeti tas-Snin Sittin (li baqgħu jiktbu fis-Sebgħinijiet u t-Tmeninijiet) esprimew kontra l-Istabbiliment – kemm dak politiku kif ukoll dak ekkleżjastiku. Fit-tiftix tagħhom għal xi forma ta' spiritwalità aktar awtentika u aktar safja, poeti bħal Sciberras resqu lejn xi filosofiji u kulturi mbiegħda.

Il-Mandala hi ċ-Ċirku Mqaddes u maġiku li f'nofsu hemm l-enerġija divina. Hekk, bħalma Sciberras jagħraf is-sustanza ta' dak iċ-Ċirku, il-poeta jrid jagħraf f'nofs it-Tond Maġiku l-istess personalità vera tiegħu nnifsu. Poetikament, iċ-Ċirku jfisser l-Univers, u n-nofs taċ-Ċirku jfisser il-kuxjenza sħiħa moħbija tal-artist li jġarrab.

L-idea tat-tbatija hija kruċjali f'poeta bħal Sciberras. Il-poeta, imnebbaħ mix-xbiha tal-Kruċifiss, ta' spiss jidentifika lilu nnifsu ma' Kristu, l-eroj-ribell li tant ispira lill-poeti Maltin tas-Snin Sittin. It-tbatija m'hijiex essenzjalment fiżika, iżda ġejja minn ruħ muġugħa li għarfet il-kalvarju ta' min irid jgħix mingħajr maskra, ta' min irid jgħix il-verità jew għallinqas ifittex bl-aktar mod determinat il-verità.

kollox għandi lest:
bagalja ta' wġigħ,
passaport għajjien mingħajr uċuħ,
u portafoll ta' solitudni

sal-biljett li taqtgħu darba,
bla ritorn.

("kollox għandi lest", paġ. 130)

Stilistikament, Sciberras kien wieħed minn dawk li pprova joħloq pont bejn il-klassiku u l-modern. It-temperament tiegħu fil-bidu tal-karriera letterarja huwa moderat sewwa, anzi, aktarx imxaqleb lejn il-poeżija tradizzjonali. Imbagħad tasal il-fażi tax-xokk, il-burdata pirotekniką tar-ribeljoni li tant kienet tispikka fis-Snin Sittin sa nofs is-Snin Sebgħin.

Iżda l-fażi li tagħlaq *Mandala* hi riflessiva u rassenjata, u turi l-poeta sensittiv li jikkontja l-esperjenzi li għadda minnhom b'kalma eżistenzjalista.

Il-verità twassal ukoll għat-tiftix iddisprat għal Alla. Mhux l-alla tas-santi jew l-alla projettat fuq il-liżar ta' nazzjon ipokrita u frivolu li moħħu fil-festi u l-murtali, iżda Alla veru, "dak li ma jistax jinstab iżda jinħass", "dak li ma jidhirx u jista' kollox." Oliver Friggieri jara fil-poeżija ta' Sciberras tiftixa "teoloġika", li tixref, b'mod jew ieħor, mal-medda kollha tal-antoloġija *Mandala* (1963-83). Il-poeta joħloq mixja reliġjuża kontinwa u jirreġistraha bħala djarju intimu.

Ta' sikwit, Sciberras jintrebaħ mis-sens tal-inutilità, mill-vojt, u jaqbdu l-għeja ta' min ifittex għalxejn. Imbagħad jinfexx f'burdati ta' "qrara" jew xewqat ta' mewt biex itemm il-vjaġġ tiegħu darba għal dejjem.

Sciberras huwa wkoll il-poeta ribell li, bħall-awturi oħra tas-Snin Sittin, iddakkar miż-"żgħażagħ irrabjati" li tfaċċaw fil-letteratura Ingliża fit-tmiem tas-Snin Ħamsin. Ir-rabja tiegħu hija r-rabja ta' ċittadin frustrat, manettjat biċ-ċingi tal-istrutturi politiċi-reliġjużi ta' Malta u tal-mentalità kolonjalista li għal ħafna żmien ipparalizzat il-ħsieb kreattiv. Minn din ir-rabja jitnisslu l-poeżiji li jattakkaw il-materjaliżmu, l-aktar dak impurtat mill-Amerika u l-gwerra (ta' min ifakkar li fis-Snin Sittin, il-Gwerra tal-Vjetnam kienet ossessjonat lil bosta poeti lokali, u dawn kitbu versi mqanqlin kontra l-aggressjoni internazzjonali).

NOTA BIJOGRAFIKA

Philip Sciberras twieled Ħaż-Żebbuġ fis-7 ta' Ottubru 1945. Tgħallem fl-iskola ta' 'St. Joseph' il-Belt, il-Kulleġġ San Alwiġi, l-Iskola Teknika tar-Raħal Ġdid u l-Università ta' Malta għal avukat. Jaħdem ta' avukat u ta' konsulent legali mal-kumpaniji parastatali u/jew b'interessi tal-Gvern, bħall-Air Malta Co. Ltd., it-Tarzna tal-Marsa u l-Mediterranean Oilfield Services Co. Ltd. Huwa wkoll ex-membru tal-Parlament mal-Moviment tal-Ħaddiema. Il-poeżiji tiegħu dehru fi *Priżmi* (1968) u *Dwal fil-Persjani* (1972) bħala ko-awtur, waqt li fl-1984 ħareġ għal rasu l-ġabra kollettiva *Mandala*.

IL-MORFEMA FIL-MALTI

STUDJU TA' CHARLES BRIFFA

IT-TIELET PARTI

"KIF GĦAQQDUNI F'DAWN L-GĦERUQ MORFEMIĊI"

3.4 Ma' din il-bażi morfoloġika jissawru l-binjiet possibbli fis-sistema tal-Malti. Din il-bażi morfoloġika tkun dejjem l-ewwel morfema tal-kelma. Hekk il-kelma *ħareġ* għandha l-għerq morfemiku (ĦRĠ) u l-morfemi tal-verb, tal-passat, tal-persuna, tal-ġens u tal-għadd. L-elementi kostitwenti ta' *ħareġ* huma:

ħareġ
|
(ĦRĠ)
(V)
(PAS)
(3 PERS)
(MASK)
(SING)

It-twaħħid ta' dawn is-sitt morfemi kostitwenti jiġġenera biss il-kelma *ħareġ* wara l-għażla tal-infiss *-a-e-* fil-binja tal-wiċċ. Bl-istess proċedura, mill-għerq morfemiku (ĦRĠ) nistgħu niġġeneraw kliem ieħor bħal *ħruġ, ħarġa, stħarreġ, inħareġ, ħarreġ, maħruġ, imħarreġ, tħarriġ* u *stħarriġ*. Fl-għerq morfemiku, fejn l-ordni konsonantali hija essenzjali, insibu t-tifsira bażika tal-grupp kollu. L-istess jiġri meta jkun hemm zokk morfemiku. Il-kelma *nazzjonijiet* għandha z-zokk, il-morfema tan-nom u l-morfema tal-plural:

nazzjonijiet
|
(NAZZJON)
(N)
(PLU)

Dawn il-kostitwenti f'daqqa jiġġeneraw biss il-kelma *nazzjonijiet*. Kultant, zokk morfemiku jaħdem bħala kelma indipendenti: *nazzjon*.

nazzjon
|
(NAZZJON)
(N)
(MASK)
(SING)

Jiġifieri, xorta fiha erba' morfemi kostitwenti. Bl-istess zokk morfemiku nsibu *nazzjonali, nazzjonalista, nazzjonaliżmu, nazzjonalità, nazzjonalizza, nazzjonalizzazzjoni, internazzjonali, internazzjonaliżmu, internazzjonalista, internazzjonalizza* u *internazzjonalizzazzjoni*. Iz-zokk morfemiku ġeneralment jibqa' l-istess, imma f'xi każijiet ikollu jinbidel ukoll. Nieħdu l-grupp *forma, formazzjoni, formazzjonijiet, formattiv, formattiva, formattivi, formali, informali, formalità, informalità, formalment, informalment, formaliżmu, ifforma, ifformat, format, formati, formalizzazzjoni, formalizzazzjonijiet, ifformalizza, ifformalizzat, ifformalizzar* u bosta oħrajn li mbagħad joħorġu minn *formula, uniformi*, u *informa*. Iz-zokk, hawnhekk, hu (FORM) imma kultant /o/ jinbidel f'/u/: *furmatur, furmaturi, ninfurmaw*, eċċ.. Barra minn hekk, meta niġu għall-plural *forom*, dan iz-zokk jgħosfor u jinbidel fl-għerq (FRM). Dan jiġri wkoll f'dak il-kliem li jieħu żewġ tipi ta' plural: wieħed biz-zokk u l-ieħor b'għerq (ara 5.7). Anki fil-każ ta' *abbli, abbiltà, inabbiltà, inabbilitazzjoni*. Iz-zokk hu (ABBIL) imma f'*abbli* twaqqa' l-/i/. Hekk ukoll isir fi *stabbli, instabbli, stabbiltà, instabbiltà*. Għandha wkoll każ fejn iz-zokk anki konsonanti jwaqqa . (SANT') minnha joħorġu *Sant'* (Antnin), *Santu* (Wistin), *Santa* (Katerina), *santi, santwarju, santwarji*, imma mbagħad nagħmlu *San* (Ġużepp). Mela m'hux minnu li z-zokk morfemiku jibqa' dejjem l-istess.

3.5 Il-bażi morfoloġika, fl-istruttura tal-qiegħ, l-ewwel taħdem **Lessema** jew element lessikali li jkun distintiv minn kull forma oħra. Fejn għandha għerq il-lessema x'aktarx se tkun dik li tradizzjonalment kienet tissejjaħ il-mamma, u fejn hemm zokk x'aktarx li jkun l-istess zokk li jagħti l-lessema. Imma mhux dejjem il-mamma taqbel mal-lessema. Hekk nistgħu ngħidu li l-eżempji li għandna fil-bidu ta' 3.4 għandhom bħala lessemi *ĦAREĠ* u *NAZZJON*. Il-lessemi dejjem jinkitbu b'ittri kbar mingħajr brekits ħa nagħrfuhom mill-morfemi.

3.6 Minn dan kollu jidher ċar li ċerti morfemi huma bażiċi u jissejħu **Morfemi Liberi** (huma l-bażi fundamentali tal-kelma), u oħrajn li jintrabtu magħhom

jissejħu **Morfemi Marbutin** (jiżdiedu mal-bażi morfoloġika biex tissawwar il-kelma). Mela, il-ġherq morfemiku u z-zokk morfemiku jagħtu l-morfemi liberi, filwaqt li l-affissi jagħtu l-morfemi marbutin li ma jistgħux joqogħdu waħedhom. Bħala eżempju nieħdu din it-tabella:

	resqu	*ittajpjaw*
MORFEMA LIBERA	(RSQ) ġherq morfemiku	(TAJP) zokk morfemiku
MORFEMI MARBUTIN	(V) (PAS) (3 PERS) (PLU)	(V) (PAS) (3 PERS) (PLU)

Il-morfemi marbutin irridu nispeċifikawhom għax jista' jkun hemm xi differenza fil-funzjoni ta' kelma. Ngħidu aħna, /ˈtela/ fis-sens ta' *tela'* (verb) jew *telgħa* (nom) toħloq diffikultà. Imma fl-analiżi morfoloġika mal-ewwel toħroġ id-differenza:

/ˈtela/: [(TLGĦ) + (V) + (PAS) + (3 PERS) + (SING)] = *tela'*
/ˈtela/: [(TLGĦ) + (N) + (FEM) + (SING)] = *telgħa*

Hekk ukoll il-morfema tal-passat (tingħażel minn dik tal-preżent), tal-persuna (tispeċifika liema hi l-persuna) u tal-plural (tingħażel mis-singular). Il-kelma hija l-prodott tad-distribuzzjoni tal-morfemi li tkun komposta minnhom.

3.7 Issa nifhmu li l-kustjoni jekk kelma tistax tiġi ssegmentata jew le hija irrelevanti. Il-morfema

- ma hijiex segment ta' kelma (għalkemm segment ta' kelma jista' jinzerta li jkun morfema);
- ma għandhiex pożizzjoni fissa fil-kelma (il-pożizzjoni tiddependi fuq in-natura tagħha u tista' tkun implicita jew implikata);
- għandha funzjoni distributorju fil-kelma (hija fattur kostitwenti fil-kelma).

3.8 Meta kelma tista' tkun segmentata fil-partijiet tagħha, kull segment jissejjaħ **morf**. Il-morf hija segment fonoloġiku ta' kelma li tirrappreżenta morfema. Il-kelma **diżunur** tinqasam f'żewġ morfijiet: *diż-* u *unur*. Hawnhekk, kull morf tirrappreżenta morfema: l-ewwel waħda tan-negattiv u l-oħra tan-nom. Il-morfemi, mela, jistgħu jiġu rrappreżentati direttament b'segmenti fonoloġiċi (jew ortografiċi): huma l-morfijiet li jagħtu forma lill-morfemi. Imma l-morfemi jistgħu jkunu rappreżentati fis-sustanza tal-lingwa b'modi oħra: il-morfema tan-negattiv tista' tkun *diż-* jew *in-*. Irridu noqogħdu attenti għan-notazzjoni użata. Hekk, (NEG) u (UNUR) huma morfemi li jirrappreżentaw il-forom fonoloġiċi /diż-/ u /unu:r/ li jieħdu sura ortografika *diż-* u *unur*.

3.9 Spiss insibu li xi morfema mhux dejjem tkun rappreżentata mill-istess morf, imma minn morfijiet differenti. Dawn ir-rappreżentazzjonijiet alternattivi tal-istess morfema huma **allomorfijiet**. Ngħidu aħna, il-morfema tal-plural fil-Malti li rreferejna għaliha bħala

"Il-kunċett tal-allomorf huwa bżonjuż fil-każ tal-Malti."

(PLU) tista', minbarra l-ħafna bixriet tal-plural miksur, tkun irrappreżentata b'dawn l-allomorfijiet:

/-n/ *(baħrin)*; /-i:n/ *(qassisin)*; /-a:t/ *(xewqat)*; /-iət/ *(ħutiet)*; /-iˈyiət/ *(aħbarijiet)*; /-iən/ *(sidien)*; /-a:n/ *(ħitan)*; /-a/ *(xufiera)*; /-i/ *(suldati)*.

Dawn huma x'aktarx ikkondizzjonati morfoloġikament, fis-sens li l-għażla hija determinata mill-forma morfoloġika li se tingħaqad magħha. Imma din l-għażla ssir bir-regoli silettivi li semmejna fi 2.7. Għalhekk, ma jistax ikollna **qassisat, *suldatijiet* jew **baħran*, għalkemm nistgħu kultant ngħidu *xewqiet* minflok *xewqat* – fil-każ ta' *ħutiet* ma ngħidu qatt **ħutat*. Ħafna drabi l-konvenzjonijiet ortografiċi juru dawn l-allomorfijiet kollha.

3.10 Mela, fil-Malti l-morfema tal-plural (PLU) għandha ħafna morfijiet li jagħtuna varjazzjonijiet allomorfiċi. Din id-distinzjoni bejn morfema, morf u allomorf ma hijiex waħda skolastika bla skop għax hija essenzjali fit-tiswir ta' teorija ġenerali tal-istruttura tal-lingwa. Fil-Malti għandna bosta kelmiet li jissegmentaw ruħhom f'partijiet (morfijiet), u ħafna oħrajn li ma jissegmentawx ruħhom: għandna bosta każijiet fejn il-morfijiet huma esponenti ta' entitajiet minimi grammatikali (morfemi), u każijiet oħra fejn ma humiex; kultant insibu xi morfema li tkun rappreżentata mill-istess segment b'forma fonoloġika kostanti, imma nsibu xi morfemi li huma rappreżentanti b'sett ta' morfijiet alternattivi (allomorfijiet) li l-għażla tagħhom tkun kkondizzjonata minn fatturi morfoloġiċi.

3.11 Il-varjazzjonijiet allomorfiċi li huma kkondizzjonati morfoloġikament ma jistgħux jitwarrbu b'analiżi fonoloġika. Għalhekk, il-kunċett tal-allomorf huwa bżonjuż fil-każ tal-Malti. Barra minn hekk, id-distinzjoni bejn entità grammatikali u l-forma sostanzjali tagħha toħorġilna kemm is-similaritajiet grammatikali u kemm id-differenzi formazzjonali bejn kelmiet bħal *voti* u *twieqi*. B'din id-distinzjoni nistgħu nagħtu regoli deskrizzjonali li jservu kemm 'il-forom "regolari" u kemm lill-"irregolari". Ir-regoli (VOT) + (PLU) u (TIEQA) + (PLU) jiġġeneraw il-forom *voti* u *twieqi* biss. Dawn infissruhom hekk:

"(VOT) + (PLU) hija rrealizzata b'*voti*"
"(TIEQA) + (PLU) hija rrealizzata bi *twieqi*"

Ma' dawn ir-regoli jridu jinħarġu wkoll ir-restrizzjonijiet li jispjegaw għala, ngħidu aħna, (TIEQA) + (PLU) qatt ma tagħmel **tieqi*. F'dan il-każ, huma r-regoli silettivi tal-qiegħ li jagħmlu l-għażla biex joqogħdu fil-forma xierqa tal-plural mal-lessema ħalli toħroġ l-istruttura tajba fil-wiċċ.

● **jissokta ħarġa oħra**



IR-REGOLI L-ĠODDA
TAL-AKKADEMJA (1984)

5. KLIEM BARRANI BIL- *-IA / -IU*

Kliem barrani li l-aħħar żewġ ittri tiegħu jkunu *-ia* jew *-iu*, fil-Malti jiġi *-ja / -ju* jew *-ija / -iju* skond kif jinħass. Eżempji: *serju, industrija, fantasija.*

Eżempji oħra:
5.1 *-ja*: akaċja, allelulja, ambrosja, amiċizzja, analġesja, annunzja, antonomasja, Arabja, arja, arterja, astuzja, bagalja, battalja, begonja, bibbja, ibbażuffja, ċentinarja, ċerimonja, ċikonja, ċinerarja, dimissorja, diskordja, diżgrazzja, eklampsja.

5.2 *-ju*: afelju, aġġju, aġjoskopju, aggravju, agrarju, akkordju, akkwarju, aluminju, anfibju, antifonarju, arkivarju, armarju, armistizju, assedju, avenju, avorju, awgurju, bankarju, benefiċċju, benefizzju, benefiċjarju, bibljotekarju, binomju, ċentinarju, ċessjonarju, ċetaċju, ċeżju, ċiborju, ċifrarju, ċilizju, ċimiterju, ċinju, dazju, deċennju, deiċidju, dellirju, delizzju, dentifriċju, depilatorju, derogatorju, Dewterenomju, dilatorju, dinjitarju, direttarju, direttorju, diskriminatorju, diviżorju, divorzju, dizzjunarju, djarju, dokumentarju, domiċilju, dominju, donatarju, doppju, dormitorju, dotarju, dubju, duwodenarju, ebdomarju, edifiċju, edifizzju, elettwarju, eliminatorju, eljoskopju, eloġju, emissarju, empju, enkomju, ġudizzjarju.

5.3 *-ija*: abatija, abrazija, afonija, aġjografija, aġjolatrija, aġjologija, agunija, akrobazija allegrija, alopeċija, amnestija, analoġija, anarkija, anatomija, anemija, anestesija, anfibjoloġija, anglomanija, anglofobija, anomalija, antipatija, antoloġija, antropofoġija, antropoloġija, apatija, apoloġija, apostasija, aristokrazija, arkeoloġija, armerija, avarija, batterija, batterjoloġija, bijoskopija, borgeżija, burokrazija, ċefalġija, ċumnija, demagoġija, demografija, demokrazija, demoloġija, demonoloġija, demopsikoloġija, diċerija, didaskalija, dijarkija, dipsomanija, disenterija, diżarmonija, dijarkija, dolċerija, dossoloġija, eleġija, eljografija, eljoterapija, embrijoloġija, emorraġija, enċiklopedija, endogamija, endoskopija, enerġija, enoloġija, entomoloġija, epatalġija.

5.4 *-iju*: balliju, briju, ċikkudiddidiju, ekwilibriju, embriju, ziju.

L-ANTOLOĠIJA "QAWSALLA"

POEŻIJI DWAR IL-BELT VALLETTA

Il-Gran Mastru jitlob l-immortalità storika bi dritt għax ħadem għaliha fl-Assedju l-Kbir.

Fl-ewwel taqsima "Din l-Art Ħelwa" tal-antoloġija *Qawsalla* hemm iż-żewġ poeżiji biswit xulxin "Is-Sultan La Valette lill-Belt Valletta" (paġ. 4) ta' Ġan Anton Vassallo (1817–68) u "Il-Belt Valletta – Fir-raba' ċentinarju mill-bidu tagħha" (paġ. 5) ta' Victor Fenech (1935–). Hawn eżempju f'waqtu għall-istudenti biex iqabblu u jikkuntrastaw kif poeta tradizzjonali u poeta modern jistgħu jħarsu b'lenti u b'burdata differenti lejn l-istess tema storika.

L-ewwel poeżija tintrabat ma' poeżiji oħra ta' Vassallo poeta proto-romantiku. Kien hu l-ewwel wieħed li daħħal dan is-sentiment patrijottiku fil-Malti skond ix-xejra tas-seklu dsatax fl-Ewropa. Mal-ħsieb tiegħu kellu jkompli 'l quddiem Dun Karm bil-poeżiji bħal, ngħidu aħna, "Il-Għanja tar-Rebħa" (paġ. 17–18) li tisħaq fuq il-glorja tal-Assedju l-Kbir (1565), u "Għal Dun Mikiel Xerri" (paġ. 5–6) u "Lil Mikiel Anton Vassalli" (paġ. 10), tnejn mill-eroj Maltin li stinkaw għall-ħelsien tal-patrija maħkuma.

Il-poeżija ta' Vassallo tixhed kemm il-poeta huwa risorġimentali. Meta kien qiegħed jikteb, Malta kienet għadha maħkuma mill-barranin. Għalhekk, il-ġrajja attwali tixpruna lil Vassallo biex, bis-saħħa tal-imgħoddi storiku u mbiegħed, irawwem fil-Maltin l-imħabba għall-identità nazzjonali Maltija biex iseħħ il-ħelsien mill-qagħda kolonjali preżenti. Il-Maltin ta' żmienu riedhom jaraw paralleliżmu bejn l-imgħoddi u żmienhom. Riedhom jitgħallmu mill-eroj tal-imgħoddi kif kellhom iġibu ruħhom fis-sitwazzjonijiet immedjati tagħhom. Għalhekk, Vassallo huwa l-poeta-profeta li jgħajjex l-ideali tal-eroj Maltin fil-Maltin stess.

Fil-qofol tagħha "Is-Sultan La Valette lill-Belt Valletta" hija romantika. Vassallo, bħal Dun Karm fis-seklu 20, jisħaq fuq l-importanza tal-qima lill-eroj. La Valette, għalkemm ma kienx Malti, Vassallo jinnazzjonalizzah u jagħmlu Malti daqsna. Il-Gran Mastru, li kien imċaħħad minn din il-qima tal-Maltin, ifittex hu stess li jrawwem dan il-motiv fihom. La Valette jitlob din l-immortalità storika bi dritt għax ħadem għaliha fl-Assedju l-Kbir.

Il-poeżija tiftaħ bid-dehra tal-Gran Mastru jqum mill-qabar biex ikellem lil Malta. Fl-1807 kien Ugo Foscolo li bil-karme "I sepolcri" ("L-Oqbra", maqluba minn Dun Karm fl-1935) saħaq fuq l-idea tal-qima tal-eroj, li ż-żmien ma joqtolhomx għax jibqgħu jgħixu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Iż-żmien jeqred il-fiżiku tal-eroj iżda mhux l-ispirtu kbir tagħhom.

Belt ta' qalbi, binti l-ħelwa,
Jien minn qabri qomt narak;
Tagħrfux 'il-missier tiegħek
Li rabbiek u l-barka tak?

La Valette jibda biex ifakkar il-paternità tiegħu. L-interpretazzjoni tas-sitwazzjoni Vassallo jeħodha bħala familja. Malta hija l-omm tal-Maltin u huma l-ulied u l-aħwa li jridu jgħożżu l-patrimonju ta' pajjiżhom. Imma l-belt Valletta hija wkoll il-moħħ u l-ħsieb tal-Gran Mastru; għalhekk La Valette isejħilha "binti" (v. 1). Fuq kollox hemm l-għajnuna divina minn Alla u tal-qaddisin protetturi tagħha, bħall-missier spiritwali tagħha San Pawl. La Valette hu l-missier storiku li bena l-belt Valletta u li ddefendiet lil Malta mill-għedewwa Misilmin; San Pawl hu l-missier spiritwali tagħha li ħarisha sa minn dejjem fil-fidi tagħha. It-taqbida patrijottika hija wkoll taqbida spiritwali, bit-Torok bħala s-simbolu tal-Ħażen u bil-Maltin/Kavalieri bħala s-simbolu tat-Tajjeb.

U min sata' qatt jagħlbek
Jekk San Pawl ġo nofsna kien?
Hu għalik mis-sema qabeż,
U mill-art qbiżt għalik jien.

Minn hawn La Valette jgħaddi mill-ewwel għaċ-ċanfira: quddiem il-kobor storiku (imfakkar dejjem fil-memorja kollettiva) li jagħti isem dejjiemi lill-patrija, ma jistax ikun li l-belt Valletta/ Malta tinsa lill-eroj tagħha. It-tifkira ma għandhiex tkun biss spiritwali imma wkoll konkreta bil-bini ta' xi monument għalih.

DWAR IL-BELT VALLETTA

Ghaliex ġebla fik ma nara
Illi xxebbah il-wiċċ tiegħi?
Fi kburitek ghax insejtni?
X'kont tkun int li ma kienx driegħi?

La Valette, ghalkemm mejjet, xorta ghadu ħaj spiritwalment magħna, jibni djalogu magħna biex iwissina fejn hemm bżonn. Fil-fatt il-poeżija hija djalogu mill-bidu sal-aħħar, bil-Gran Mastru jwissi u jċanfar u bil-belt Valletta tisma' siekta kollha ndiema ghall-iżball tagħha. L-imħabba u l-intimità fi kliemu huma kbar f'kuntrast mat-telqa kiefra tagħha.

La Valette isemmilha x'kienu l-merti kbar tiegħu ghaliha imma li hi, jaħasra, insiethom ghal kollox: il-prestiġju u l-identità li taha bis-swar (vv. 10–12) u t-tmexxija li kellu f'moħħu ghaliha (vv. 61–64); ir-rebħiet fuq l-ghedewwa Torok fl-Assedju u s-sehem personali u erojku tiegħu bħala missier fit-taqtigħa minkejja l-età (vv. 13–26); is-sehem kuraġġuż tiegħu (vv. 8, 21–24, 36, 48, 51–52, 56–60, 69–70) u tal-Maltin (vv. 27–28), anki n-nisa Maltin (vv. 29–32); is-sehem ta' Alla li jinħass bl-interpretazzjoni reliġjuża tat-taqtigħa (vv. 29, 33–36), bis-sehem ta' San Pawl li ghammed lil Malta u li reġa' ħa ħsiebha (vv. 41–47); u l-aggressuri barranin (vv. 15–20, 35–40, 49–52, 56–60) li kellhom iħabbtu wiċċhom bilfors mat-telfa minħabba l-imħabba ghall-patrija. Dawn ghandhom ħafna mill-motivi romantiċi tas-seklu dsatax.

Il-poeżija ta' Victor Fenech hija moderna. Ghalhekk, l-istil tal-poeta huwa differenti u jippretendi mingħandna li jkollna matmura kbira ta' tagħrif ġenerali, f'dan il-każ ta' storja lokali u internazzjonali.

Il-poeżija nkitbet biex tfakkar l-1966 bħala s-sena tar-"raba' ċentinarju mill-bini", ir-"raba' mija" (v. 20) tal-belt Valletta. L-ewwel ġebla tqiegħdet fit-28 ta' Marzu, 1566 (vv. 1–2) fuq l-art magħrufa bħala "Xagħret Mewwija" jew "Xeb-er-ras" (v. 7) li tbierket mis-sottopirjol tal-Ordni, Fra Jean Pierre Mosquet. Patri Angusciola (vv. 4, 10) kien l-Agostinjan Spirito Pelo Angosciola li ghamel l-omelija mnebbħa mill-kliem tas-Salmi (86, 1) "Is-sisien tagħha mqiegħda fuq il-gholja mqaddsa". Il-belt ingħatat it-titlu ta' *"Humilissima civitas VALLETTAE"* (v. 12), jiġifieri 'l-iċken Belt Valletta', skond l-ordni li ħareġ il-Kunsill tal-Ordni (v. 13) fl-14 ta' Frar, 1566. Fuq l-ewwel ġebla tnaqqxet skrizzjoni bil-Latin biex tfakkar l-okkażjoni u fost l-oħrajn insibu l-kliem *"prima urbis fundamenta, in monte ab incolis Xeberras vocato, jecit, eamque, de suo nomine Vallettam, dato pro insignibus in parma miniata aurato leone, appellari voluit"* ('qiegħed l-ewwel ġebla ta' din il-belt fuq il-gholja msejħa Xiberras min-nies tal-gżira li l-arma tagħha tkun iljun tad-deheb fuq tarka ħamra u ried li jsejħulha b'ismu Valletta'). Ghalhekk Fenech isemmi li

U la r-rgħib matnazz m'nn Ajaccio,
La l-Führer mustaċċun,
ma setgħu qatt irażżnu dil-belt li ġġib l-iljun.

Ir-"rgħib matnazz" huwa Napuljun Bonaparte (1769–1821) li twieled Ajaccio, Korsika, u li bħala statura kien bniedem qasir u mġissem, imma kellu ambizzjonijiet imperjali kbar, anki fuq Malta. Il-"Führer mustaċċun" huwa Adolf Hitler (1889–1945), li barra t-tifsira litterali tal-kelma "mutaċċun" ghax kellu l-mustaċċi kbar u sfieq, hemm it-tifsira ironika ta' bniedem b'saħħtu u kapaċi u li mingħalih ħadd ma jista' jagħmillu l-bżieq fuq imnieħru.

F'dan l-isfond storiku Fenech jiddefiniha l-belt Valletta bħala *"enimma"* (vv. 6, 8). F'din il-kelma kemm il-ħsieb ewlieni tal-poeżija. Minkejja ż-żmien li ghamel fuqha,

... ghadha wieqfa,
bi ġrieħha mfejqa,
bil-hemm misjura,
biż-żmien matura –
bint l-aktar denja ta' gwerrier qalbieni!

Aktar mill-monument li xtaq jara fil-poeżija tiegħu Vassallo, hawn l-ispirtu Malti li baqa' jżommha ħajja bħala monument aħjar ghal La Valette – "bint" bħalma sejħilha wkoll Vassallo, imma "l-aktar denja" tiegħu, skond Fenech.



IL-POEŻIJI TA' RUŻAR BRIFFA

TIĠRIB IL-ĦAJJA

ANALIŻI MINN "QAWSALLA"

Rużar Briffa (1906–63) huwa wieħed mill-aktar poeti romantiċi interessanti mdaħħlin fir-raba' taqsima tal-antoloġija *Qawsalla*. Flimkien ma' sħabu l-poeti intimisti u konfessjonali Anton Buttigieg (1912–85), Karmenu Vassallo (1913–87), Ġorġ Zammit (1904–90), irnexxielu jagħti identità ġdida u friska lill-Poeżija Maltija li kienet mgħobbija wisq bil-patrijottiżmu epiku u bin-nazzjonaliżmu aħrax ta' Dun Karm (1871–1961). Briffa l-aktar wieħed li poetikament kien imbiegħed minn Dun Karm. U jingħażel mir-ribeljoni ta' Vassallo, mis-sensittività ta' Buttigieg u min-Natura lokalizzata ta' Zammit. Briffa jġarrab l-eżistenza, l-aktar fid-dulur tagħha, għalkemm bħala karattru ma kienx bniedem li jara u jġarrab biss l-ikrah u l-weġgħa fil-ħajja.

Bħala romantiku Malti, Briffa jġarrab sentimenti kbar. Għandu fih l-esperjenza tat-toqol tal-ħajja li ssaħħu l-ħin kollu bħala matmura immedjata għall-interpretazzjoni tal-ħsieb li jkiddu. Il-"jien" tiegħu għandu leħen baxx, ħiemed u modest li jipprova jifhem jew tal-inqas jissuġġerixxi x'hemm moħbi, imqar għal mument, ġo farka waħda biss tal-esperjenza. U qalbu tħabbat ma' kull sentiment imġarrab anki jekk il-misterju jasal biex ma jifhem xejn minnu. Meta kultant ikun qed jirraġuna, ir-riflessjonijiet tiegħu jkunu frott tat-tiġrib stess.

Is-sens ta' solitudni jħossu għax iwarrab lill-oħrajn. Dawn moħħhom wisq fil-frugħat u għalhekk jisfiduċjahom. Din l-għażla bejnu u l-bqija tidher f'aktar minn poeżija waħda. Fi "Tfajla, Toħlomx" (paġ. 139), miktuba fl-1925, jistqarr li "emmint kollox u ma bgħadt lil ħadd" (v. 10) f'kuntrast mal-oħrajn li "imbagħ'd lagħbuni... / tant illi qalbi ċaħdet lil kulħadd' (vv. 11, 12). Lit-"Tfajla" li jistedinha għar-relazzjoni sinċiera ta' mħabba jrid iwassalha għall-istess għażla xettika għax ma jridx ikun jaf bi mħabbithom u jistedinha tagħmel bħalu. Imħabbithom se tkun imħabba mġarrba, għax mimlija sinċerità u mhux bħal tal-oħrajn:

u jekk qatt, tfajla, għad jiġrilek bħali,
li emmint kollox u ma bgħadt lil ħadd,
imbagħ'd lagħbuni u kollox sfali ħsara,
tant illi qalbi ċaħdet lil kulħadd,

ejj'għandi, tfajla, tkun imsejkna bħali,
u bħali, tfajla, tkun ma temmen f'ħadd;
ejj'għandi, tfajla, jien niftaħlek qalbi
biex inħobb lilek bħal ma ħabbejt qatt.

Fil-poeżija "Mill-Ġdid Poeta" (paġ. 195) miktuba Londra fl-1932 Briffa jistqarr li "bogħod mill-ħlejjaq" (v. 16) xtaq jgħix "waħdieni" (v. 18). In-nuqqas ta' mħabba fost il-bnedmin aktar jikkonvinċih fid-deżolazzjoni tiegħu li tjassru taħtha. Is-solitudni ħassha aktar minn ħaddieħor għax kien bniedem ta' sensittività kbira, kif jixhdu ħbiebu. Kienet twasslu biex jitbekka fuq xortih ikkondizzjonata mit-tbatija personali u mill-ansjetà li kien iġarrab ta' kuljum bil-prattika medika, l-aktar tal-imġiddmin.

Briffa jibża' mill-eżistenza u jibda jissuspetta u jiddubita fl-oħrajn... u fih innifsu! Iżda xorta ma jridx jagħmel bħalhom, anzi aktar jagħraf għalfejn għandu jiddeċiedi li jingħażel minnhom bl-akbar responsabbiltà. Il-poeżija "Quo Vadis" (paġ. 157) miktuba fl-1945 fiha s-sintesi ta' kollox: Briffa, "ix-xwejħa ħarruba" (v. 6), qed iħares mill-bogħod lejn l-"għaġla tan-nies għaddejjin" (v. 11), mitlufa bla ideali, bla responsabbiltajiet u bla prinċipji, kulħadd jagħżel it-triq tal-folla 'għamja', jew kif isejħilha hu, "il-ħajja tas-suq" (v. 24).

Il-burdata ta' Briffa tinħass imtaqqla bl-għeja u t-telqa f'ambjent kollu kemm hu meditattiv u melankoniku. Aktar ma jgħix fiż-żmien aktar jidher kollox inċert u misterjuż. Imma għalih bħala poeta jrid ikompli "joħlom" fl-armonija li ma tintmessx miż-żmien u mill-qerda li qed tikkondizzjonah.

'Mma fil-ħarba ta' snin twal
tbiddlu d-dwal...
kollox jagħti fis-sewdieni...
aktarx tinsa l-lewn ewlieni...

'Mma s-Sbuħija għadha miegħi
taqsam ferħ u dwejjaq tiegħi...

Għadni dejjem, dejjem jien,
anki jekk kiebi w għajjien:
il-poeta taż-Żgħorija...
il-poeta tas-Sbuħija.

SEHEM TEMI ZAMMIT FIL-FOLKLOR

IT-TIENI PARTI TA' STUDJU TA' ĠORĠ MIFSUD

Ikompli l-istudju fuq Temi Zammit li nqara fil-"Lejla f'Ġieħ Temi Zammit" fit-Teatru Sir Temi Zammit, l-Università ta' Malta, il-Ġimgħa 10 ta' Mejju, 1991 wara l-istedina li saret lill-kittieb mill-Għaqda tal-Malti (Università). Il-programm kien waħda mill-attivitajiet li ħejjiet l-Għaqda f'għeluq is-sittin sena mit-twaqqif tagħha.

TEMI ZAMMIT U NINU CREMONA

Żgur li l-akbar kontribut ta' Zammit b'riżq il-folklor Malti huwa l-konverżjoni li nissel fil-moħħ u fid-dispożizzjoni xjentifika oġġettiva taż-żagħżugħ Ninu Cremona (1880–1972).

Jekk Zammit huwa magħruf mal-barranin bħala "Zammit of Malta"[15] u skond Margaret Murray "Temmy Dammit",[16] għalina l-Maltin fil-qasam tal-folklor irid jibqa' jissemma bħala l-bniedem li għen fl-istudju oġġettiv u fl-iżvilupp xjentifiku tal-folklor Malti. Mal-ħbiberija tiegħu ma' Magri kien hemm ħidma intima wkoll. Fl-istudju tiegħu tal-ħrejjef Magri jsejjes fuq il-mitoloġija u l-arkeoloġija Feniċa, dik li nafuha bħala t-"Teorija Feniċa". Din it-teorija għall-ewwel influwenzat lil Cremona u aċċettaha b'idejh miftuħa. Cremona jiddata l-ħbiberija tiegħu ma' Zammit sa mill-1905 jew xi ftit qabel, sewwa sew meta dan kien il-Kuratur tal-Mużew. Kienu s-sejbiet arkeoloġiċi ta' Zammit li waqqgħu għal kollox it-Teorija Feniċa u lil Cremona beda jisilfu l-kotba ta' Giuseppe Pitrè fuq il-wirt folkloristiku ta' Sqallija. Cremona sema' mill-appell ta' Zammit għall-oġġettività u minħabba Zammit rridu nqisuh bħala l-ewwel folklorista xjentifiku tal-Folklor Malti.

Fuq hekk, Cremona jikteb bl-akbar sinċerità: "... bħalma nista' nistqarru jien, [Zammit] kien jgħin mhux ftit u jagħmel il-qalb lil kull min kien jarah jistudja u jikteb il-Malti. Fuq hekk nista' ngħid ukoll illi d-dawl u l-pariri tajba li tani fix-xogħol tiegħi kienu ta' mgħallem, ta' missier u ta' ħabib u, għalhekk, għal qalb li rajt minnu fit-tletin sena li kont ili nafu lil Temi Zammit ma nista' ninsieh qatt."[17]

F'nota ta' radd il-ħajr li kiteb fl-okkażjoni li għamlitlu l-Għaqda tal-Folklor Malti fit-28 ta' Marzu, 1968, Cremona jsemmi hekk fuq il-livell tal-folklor Malti qabel beda hu: "... Aħna ma kellniex ħlief xi ftit materjal imxerred 'l hawn u 'l hinn imħolli minn xi storiċi ta' qabel, fosthom De Soldanis, Abela-Ciantar, Miège, Badger, u dan l-aħħar Castagna, Bradley, Patri Magri, Ilg, Ċensu Busuttil u Bonelli. Fix-xogħol ta' dawn ma hemmx ħlief xi ftit ġebliet ta' pedamenti, xogħol nieqes minn studju xjentifiku...".[18]

F'intervista li ta lil Ġużè Cassar-Pullicino disa' snin qabel fl-4 ta' Awissu, 1959, Cremona jdur fuqu stess b'riferenza għal Temi Zammit: "Nista' ngħid illi l-ħajra li nistudja l-Folklor Malti kienet ġietni xi sentejn wara li bdejt inħażżeż xi versi bil-Malti fuq il-ġurnal *Il-Ħabib*.... Dan kien fl-1912.... Il-fehmiet tiegħi f'dawn l-ewwel versi ... kienu bbażati fuq il-ħrejjef ta' Patri Magri li dak iż-żmien kien il-qari tiegħi bil-Malti bħala mogħdija taż-żmien. Wara xi ftit snin il-kixfa tat-Tempju Neolitiku ta' Ħal Tarxien u l-fehmiet ġodda tal-arkeoloġi li kienu studjaw l-epoka bikrija tal-monumenti preistoriċi bħal dak ta' Ħal Tarxien, kienu waqqfu teoriji ġodda dwar iż-żmien ta' dawn il-fdalijiet megalitiċi ta' Malta.... Ebda studju serju [tal-folklor], madankollu, ma kont għamilt qabel l-1916, meta l-Professur Temi Zammit, matul iż-żmien li kien jaħdem fit-Tempju Megalitiku ta' Ħal Tarxien, u miegħu kont inqatta' n-nofstanharijiet, kien joqgħod ikellimni fuq ix-xebh tal-Malti mal-Għarbi u fuq il-kliem Romanz fil-Malti meħud mill-Isqalli. Sa dak in-nhar jien kont għadni nemmen fil-puriżmu Malti mnissel mill-Feniċ, u moħħi mimli bil-ħrejjef ta' Patri Magri u bit-teorija tal-Feniċi bħala l-ewwel ġens li għammar f'dawn il-gżejjer. Il-kotba li ... Zammit kien jislifni naqra, ta' ħrejjef u leġġendi Sqallin li, kif sibt, kellhom relazzjoni ma' dawk tal-kontinent tal-Ewropa, Spanja, l-Italja, Franza u saħansitra l-pajjiżi tan-Nord, kienu l-ewwel xaqq ta' dawl li bih stajt nagħmel l-istudji tiegħi ta' xebh bejn il-ħrejjef Maltin ma' dawk ta' Sqallija, l-Italja u artijiet oħra. Minn dan l-istudju jien wasalt biex nifhem li t-teorija ta' Patri Magri fuq in-nisel tal-ħrejjef Maltin minn tradizzjoni Feniċja ma kellha ebda pedament sħiħ, u li aktarx it-tradizzjonijiet leġġendarji tagħna kienu *fil-biċċa l-kbira* taż-Żminijiet tan-Nofs minn żmien in-Normanni 'l hawn flimkien ma' drawwiet ta' ħajja soċjali u reliġjuża.

"B'dan ma rridx ngħid li fil-ħrejjef tagħna ma ssibx xi fdal ta' xi tradizzjonijiet li juru xi relazzjonijiet qodma semitiċi li tagħhom insibu xi ħjiel fis-Surija u fl-Afrika ta' Fuq".[19] Għalhekk, kien bis-saħħa ta' Zammit li Cremona, biex ninqeda bi kliem Cassar-Pullicino, "ta xejra moderna u xjentifika lill-istudju tagħna"[20] tal-folklor. U Zammit baqa' jgħinu, bħal meta qagħad jiddiskuti miegħu t-taħdita li kien se jagħmel *Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta* fl-1922 biex jasal għall-konklużjonijiet tiegħu,[21] bħal meta fl-istess

laqgħa laqqgħu mal-Professur A. H. Sayce u bħal meta laqqgħu mal-Eġittologa Margaret A. Murray (1863–1963) fl-1932.[22]

IL-KITBIET TA' ZAMMIT

Il-kitbiet ta' Zammit jinqasmu fi tnejn: l-ewwel hemm kontribut serju bi ħdax-il kitba ta' xeħta dokumentarja u t-tieni, 31 rakkont.

Il-ħdax-il kitba ta' xeħta dokumentarja huma "Kelmtejn fuq il-Ħobż" ippubblikata fil-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* fl-1902,[23] "Il-Moħriet" (Settembru, 1927) b'żewġ tpinġijiet li jfissru viżwalment din l-għodda tradizzjonali, "Il-Għodod tal-Biedja" (Diċembru, 1927), "Il-Miħna tar-Riħ" u "In-Nissieġa" (Settembru, 1929), "Id-Daqqaqa ta' Dari" (Ġunju, 1931), "In-Nassaba" (Lulju, 1931), "Il-Milied" (Diċembru, 1931), "Is-Suq tal-Mogħożż" (Settembru, 1932), "Lapsi" (Marzu, 1934), u kliem tekniku li għandu x'jaqsam massengħa tradizzjonali tal-iskarpan u li Zammit niżżlu fuq pitazz u li Ġużè Cassar-Pullicino użah għall-kitba tiegħu "Voci e termini maltesi usati dai calzolai",[24] barra l-bosta riferenzi li nsibu fir-rakkonti, bħal "Mastru Ġakbu" u "Mard, Duwa u Fejqan".

Mill-ħdax hemm qabża kbira fiż-żmien bejn l-ewwel waħda u l-għaxra l-oħra. Imma l-enfasi qiegħda fuq issnajja' tradizzjonali, bħall-furnar, il-biedja u l-għodod tagħha, l-insiġ u l-imtieħen tar-riħ (u l-iskarpan). Il-kitba bikrija "Kelmtejn fuq il-Ħobż" diġà fiha tifsir xjentifiku tal-ħami tal-ħobż miktub bi stil popolari. Issens ta' preservazzjoni li xorob minn Pitrè huwa ċar ukoll: "L-imtieħen qodma tagħna li kienu jduru bir-riħ u bil-bhima, ma kinux mill-agħar, u dnub li nqatgħu mir-rħula tagħna!"[25] Għall-istess ħsieb jiddokumenta ssengħa bit-terminoloġija kuntestwali bħal "il-millieġ"[26] u "il-grixa tad-dqiq".[27]

Mil-lista kif dehru ppubblikati l-għaxra l-oħra, ngħidu aħna, "Il-Moħriet" u warajha "L-Għodod tal-Biedja", jagħtik x'tifhem li kellu xi ħsieb li joħloq sensiela bihom. Qabel xejn, hawn sens ta' qima quddiem it-tradizzjoni: "Ara kemm kellu x'jaħseb min jieħu ħsieb il-miħna... Ara x'sengħa jrid ikollu dak tal-miħna....".[28] Il-folklor jiddefinih bħala "il-fdal tal-imgħoddi"[29] għax diġà ntilef bosta u l-ftit li fadal jitqies bħala l-aħħar ftit ġawhar qaddisa. Daqshekk ieħor huwa dmiru li jgħaddih lil ħutu u lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni: "Min ma jafx jitgħallem u l-ftit li tgħallimt jien ma jintilifx".[30] Iddispożizzjoni tiegħu bħala riċerkatur hija li jniżżel kollox, jitgħallem u jirranġa kollox fl-ordni xħin imur iddar biex jiddokumenta kollox sewwa: "... Jixraq li wliedna jkunu jafu kif konna ninqdew meta ma kellniex magni tan-nar u tal-elettriku, għalhekk ħadt is-sabar niġbor .... Dejjem kont bix-xewqa li nitgħallem .... [Linnissieġa] staqsejtha tfehemni ħaġa b'ħaġa kif issir innisġa u x'jidħol, mill-bidu sal-aħħar... Ġann kulma għedtli niktbu għax ftit hawn li jafu dan kollu .... Daqshekk qaltli Mananni, mhux ħaġa wara l-oħra kif ġibthom hawn, imma waħda minn hawn u oħra minn hinn u b'idejha tmiss u turi bl-akbar reqqa, donnha qiegħda tirranġa dehebha fil-kaxxun tal-gradenza..."[31] u "Taf għax ħsibt fil-miħna tar-riħ? Għax dawn għoddhom spiċċaw minn dawn il-gżejjer, u ftit snin oħra ħadd ma jkun jista' jaf xejn fuqhom".[32] Is-sens ta' qerda, biż-żmien u bit-tibdil fil-kultura, kif ukoll is-sens tattraskuraġni fil-Maltin quddiem it-telfien tal-identità nazzjonali huma qawwija ħafna: "[L-imtieħen] kollha żarmati, ma fadalx ħlief il-bini tad-dar u forsi l-koppla, mormija, wara li kienu l-għaxqa tar-raħal; l-ewwel il-knisja u mbagħad il-miħna".[33] It-ton istruttiv bis-saħħa tal-karattru tal-bidwi Ġanni jew tan-nissieġa Mananni jew ta' Karmenu t-Twil ma joħloqx monotonija fiddeskrizzjoni. Jolqtu ħafna n-nuqqas ta' tibdil fit-tradizzjoni folkloristika Maltija. L-imgħallem Zammit se jsir l-istudent, li jilqa' oġġettivament it-tifsir u l-kummenti għeżież tal-informant-imgħallem tiegħu Ġanni fl-aqwa dokumentarju "Il-Moħriet": id-deskrizzjoni timxi id f'id mar-riferenza fiż-żewġ tpinġijiet. Ġanni, li tant jgħożż il-kultura tradizzjonali tiegħu lest li jtarraflu kollox u "meta trid taf xi ħaġa ersaq u dak li trid, jekk issibni, tiegħek jien".[34] Il-ħajja tal-biedja hija mill-aktar naturali għal dan l-informant, għax quddiem Zammit li qed jiddokumenta kollox, jistagħġeb: "Dan x'fih x'tikteb?"

● JISSOKTA ĦARĠA OĦRA

RIFERENZI

15. F.S. Caruana, *op. cit.*, paġ. 108.
16. Margaret Murray, *My First Hundred Years*, 1963, paġ. 129 n.1 fejn tgħid: "[Zammit] Affectionately known to all his English friends as Temmy Dammit". Interessanti li wieħed jislet ukoll il-limerikk li kitiblu Sir Harry Luke f'*Cities and Men*, vol. 3, 1956 fejn tissemma l-kelma *'dammit'* u misluta fit-teżi ta' Xuereb, *op. cit.*, paġ. 73:
    "There was a Professor called Zammit
    "Who cried out 'Confound it and dammit'.
    "I've missed the last steamer
    "To take me to Sliema!
    "So he whipped off his coat and swam it!"
17. Ninu Cremona, "Temi Zammit", *Leħen il-Malti* ..., paġ. 19.
18. Ġużè Cassar-Pullicino, "Is-Sur Nin u Jien – Tagħrif u Tifkiriet", *Il-Malti*, Marzu–Ġunju, 1972, paġ. 75.
19. *Id.*, *Il-Bennejja tal-Folklore Malti*, 1964, paġ. 85, 86, 93–94 = *id.*, "Ninu Cremona Folklorista – Intervista fl-1959", *Leħen il-Malti*, Numru Speċjali, 1973, 15–16. Ara wkoll, Michael Galea, "Michael Galea Jintervista lil Dr A. Cremona", *Leħen il-Malti*, Numru Speċjali, 1973, paġ. 65; Alfred M. Previ, O.P., *Il-Ħidma Letterarja ta' Ninu Cremona*, 1973, paġ. 196–97.
20. Ġużè Cassar-Pullicino, *Il-Bennejja*..., paġ. 98.
21. Ninu Cremona, *Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta*, 1925, paġ. 31.
22. *Id.*, "Margaret A. Murray", *Leħen il-Malti*, Għadd 7, 1964, paġ. 39, 40.
23. Temi Zammit, "Kelmtejn fuq il-Ħobż", *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*, nru. 21, 1902, paġ. 43-57.
24. Ġużè Cassar-Pullicino, "Voci e termini maltesi usati dai calzolai", *Journal of Maltese Studies*, nru. 2, (1964) paġ. 238-45.
25. Temi Zammit, *op. cit.*, paġ. 44.
26. *Ibid.*, paġ. 43.
27. *Ibid.*, paġ. 44.
28. Ninu Cremona (ed.), *Sir Temi Zammit – Stejjer u Kitba Oħra*, it-3 Ktieb, 1966, paġ. 68.
29. *Ibid.*, paġ. 69.
30. *Ibid.*, paġ. 74.
31. *Ibid.*, paġ. 69, 73, 77, 79.
32. *Ibid.*, paġ. 65.
33. *Ibid.*, paġ. 65; ara wkoll, paġ. 50.
34. *Ibid.*, paġ. 83.
    Dan l-istil fid-dokumentazzjoni tad-drawwiet ifakkar fil-ktieb ta' Zammit stess, *Tagħlim fuq id-Dinja*, 1900, miktub f'għamla ta' taħdita bejn tifel tal-iskola u zijuh tabib (Zammit kien diġà laħaq tabib f'dan iż-żmien) li joqgħod ifissirlu l-għeġubijiet tan-natura.

IS-SOLITUDNI F'DUN KARM

Il-poeta nazzjonali Dun Karm m'għandniex inħarsu lejh biss bħala poeta patrijottiku, imma huwa wkoll bniedem li jħares fih innifsu u jkun irid iwieġeb il-mistoqsijiet eżistenzjalisti li jkidduh. Dun Karm iqis lilu nnifsu bħala individwu magħżul għalih waħdu mill-kotra u merfugħ 'il fuq minnha. Il-poeżija titqies bħala rivelazzjoni tal-messaġġ mis-sema, hu maħtur min-natura nfisha, jirċievi minn twelidu l-vokazzjoni li tgħollih 'il fuq mill-oħrajn u timbuttah biex iħobb u jikkontempla l-kampanja solitarja. Jaħrab mill-ħamba tal-bliet miżgħuda bin-nies aljenati u bla valuri.

1. Hija din il-kuxjenza li twasslu biex jintrabat mal-filosofija romantika u eżistenzjali għax ifittex il-verità moħbija li twasslu għall-eternità (ara, "Non Omnis Moriar").

2. Dun Karm jistħarreġ xi ftit it-theddida kbira li għandu l-bniedem mill-mogħdija taż-żmien. Enfasi fuq id-diqa eżistenzjali megħluba mit-tama nisranija (ara "L-Arloġġ").

3. Fis-solitudni tiegħu D. K. jiftakar fi tfulitu marbuta mas-sigurtà tal-familja fl-ambjent naturali u innoċenti tar-raħal – dawn it-tifkiriet iferrħuh daqskemm ibeżżgħuh (ara, "Waħdi").

4. Fil-malinkonija awtobijografika u fil-malinkonija psikoloġika hemm is-solitudni mfarrġa tul id-djalogu mal-kanarin – il-falliment fil-ħajja solitarja mtaffi bittama fil-pjan ta' Alla, bis-saħħa ta' djalogu mal-ħlejjaq fin-natura, dlam kontra d-dlam, xewqa għall-mewt fiżika biex tintrebaħ il-malinkonija, li l-bqija ma tittaffa b'xejn, lanqas mill-Poeżija (ara, "Lill-Kanarin Tiegħi", "Lill-Kanarin", "Lampa Ċkejkna", "Il-Lampa tas-Sagrament" u "Lil Marija").

5. Djalogu mal-ħlejjaq f'sura umana biex b'hekk jisma' x'għandhom igħallmu l-misterji tal-ħolqien. Mid-deskrizzjoni tan-natura jgħaddi għall-għarfien tal-esperjenza tar-ruħ. Għalhekk, m'hix biss poeżija tan-natura imma poeżija tal-bniedem (ara, "Stedina", "Is-Satra", "Il-Jien u Lil Hinn Minnu", "Xemgħa", "Warda", "Lis-Silla", "Ir-Rebbiegħa", "Alla", "Dell u Dija").

6. Is-solitudni mnissla mid-dgħjufija tal-bniedem għaddieni, f'kuntrast mal-univers ("Int Ma Terġax", "Kewkbet is-Safar", "Żagħżugħ ta' Dejjem", "Il-Ġerrejja u Jien").

7. Il-vjaġġ tal-kuxjenza ta' Dun Karm biex jistħarreġ il-qagħdiet ta' ruħu – enfasi fuq il-motiv tas-salib f'mixja lejn l-infinit (ara, "Lil Ġannina Pisani – I, II", "Fil-Katakombi – I, II", "Żjara lil Ġesù, "Via Crucis", "Il-Jien u Lil Hinn Minnu").

IL-BAĦAR FIL-LETTERATURA

TARCISIO ZARB DWAR IS-SIMBOLIŻMU OĊEANIKU



Il-baħar u l-oċean fihom dinja antika, fihom il-ħajja u l-mewt, fihom il-ferħ, qishom ħajjitna stess.

Unistħajjilkom tgħidu, 'U dan l-oċean kif daħal fil-Kredu?' Jidħol. Għax jekk nifhmu sewwa l-oċean, inkunu qegħdin nifhmu biċċa sewwa minna. Tafu x'inhu oċean, hux tassew? L-oċean huwa dak il-baħar kbir u grandjuż – li kif inġibuh ġo moħħna nistħajluh bħala xi ħaġa sewda sewda jew jekk m'hux daqshekk sewda, griża griża, jew jekk m'hux daqshekk griża, blu qawwija bħall-uniformi tal-pulizija. Meta kont żgħir, ngħid għalija, kont nibża' ħafna mill-oċean, jew aħjar mill-baħar. Biżżejjed ingħidu li anki l-kelma oċean turi xi ħaġa kbira kbira kbira. U aħna ta' tfal li nkunu, nibżgħu minn dawk il-ħwejjeġ li huma daqshekk kbar u ma jinftehmux.

Dan il-biża' mill-oċean kbir u maestuż m'huwiex xi biża' tiegħek u tiegħi biss. Dan il-biża' hu xi ħaġa li nsibuha fost il-bnedmin kollha. L-oċean minnu nnifsu fih ħwejjeġ kontra xulxin. Ħares lejh. Daqqa kalm. U daqqa jdur fuqu nnifsu. Fih l-ilmijiet iduru u jgħaqqdu, igħaqqdu u jduru ġo xulxin u fl-istess swidija tagħhom. X'ma tibżax tara dak il-baħar immens idur u jagħqad fih innifsu! U mbagħad jirrolja u jmewweġ u jħabbat u jsabbat miegħu nnifsu. Imbagħad wara ftit tal-ħin, il-baħar jerġa' joqgħod. Din id-darba kalm u seren u trankwill. Ħares lejh sewwa u tara li l-oċean ikun qiegħed jikkontempla. Ikun seren u kwiet. Qisu aħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum – waqtiet qisna l-baħar oċeaniku – niġru u naqbżu u nagħtu fina u magħna nfusna u waqtiet nieqfu u naħsbu fuq dak li għaddej minna fil-ħajja.

Tal-għaġeb dan l-oċean. Istaqsuh. Huwa jweġibkom. Igħidilkom kollox. Min minnkom fl-immaġinazzjoni kbira tiegħu qatt ma ltaqa' ma' sirena? Min minnkom qatt ma daħal il-belt Valletta u ra l-funtana tat-Tritoni? Żgur xi darba jew oħra għaġġbukom dawk il-ġganti kbar u dik is-sirena bil-forma ta' nofsha mara u nofsha ħuta. U intom stħajjiltukom hemmhekk taħt l-ilma għaddejjin ma' din is-sirena ħelwa. Imma ħej! Attenti minnha dik is-sirena! Is-sirena għandha ħabta kif tiġbdek lejha, imbagħad tgħarrqek. Dawn l-annimali ta' taħt il-baħar ma tifhimhomx kif ġieb u laħaq. Fihom hemm mentalità differenti minn dik li nafu biha fl-annimali tagħna ta' fuq l-art.

L-oċean fih dinja qadima u antika. Fih il-ħajja u l-mewt. Minnu jitwieldu ħwejjeġ ġodda. U fih imutu ħwejjeġ qodma. Istaqsu lix-xemx u din tgħidilkom. Tgħidilkom, għax midħla tiegħu tassew u taf x'qawwa moħbija hemm taħt dik l-enormità ta' baħar. Ix-xemx tgħidilkom sewwa kif darba waħda kull filgħaxija tinżel tieħu għadsa fil-baħar oċeaniku u hemmhekk tmut. Imma l-għada filgħodu terġa' tiżbroffa ħamra-demm, tgħanni l-għanja l-ġdida tat-twelid mill-ġdid.

Fih il-biża' dan l-oċean. U fl-istess ħin fih il-ferħ tal-ħajja. Qisu l-istess ħajjitna. Qisu l-istess ħolm tagħna. Qisu l-istess xewqat kontradittorji tagħna. Aħna wkoll nixtiequ li mmutu. Imma mhux immutu darba għal dejjem. Imma biex bħax-xemx, minn qiegħ l-oċean, nerġgħu nitwieldu mill-ġdid. Ilkoll kemm aħna nixxennqu għar-reżurrezzjoni. U ta' kull għodwa niżżuħajr 'l Alla, li wara l-mewt tar-raqda ta' filgħaxija, nerġgħu nitwieldu mill-ġdid. Ninżgħu għalhekk il-ġisem il-qadim u nilbsu l-ġisem il-ġdid – il-ġisem tax-xemx tielgħa minn fuq dal-baħar kbir u enormi.

L-oċean, jekk tinnutawh sewwa, għandu ħabta kif jiġġieled ma' dak kollu li jara, jew għall-inqas fl-immaġinazzjoni tiegħu jimmaġinah bħala stabbli. U għalhekk, miskina inti jekk tkun gżira f'nofs baħar

"Fih il-biża' dan l-oċean. U fl-istess ħin fih il-ferħ tal-ħajja. Qisu l-istess ħolm tagħna."

oċeaniku. Il-baħar oċeaniku ma tantx iġerragħhom il-gżejjer. Il-gżira jaraha wisq 'il fuq minnu. Imma fl-istess ħin il-gżira hija żgħira. Għalhekk, il-baħar oċeaniku jiġbor il-forzi kollha tiegħu u filwaqt li jgħażżaż snienu, idur għal din il-gżira – dik id-daqsxejn ta' blata li tisfa' t-targit tal-qilla tal-oċean iswed.

Għalih il-vastità. U kull min jazzarda jwaqqfu fil-logħob selvaġġ tiegħu jagħmel għalih. Daqsxejn ta' gżira ċkejkna m'għandha l-ebda dritt li tidħol fin-nofs tal-qawwa bla rażan tiegħu. Għall-oċean m'hemmx waqfien. Hemm biss il-qawwa selvaġġa bla rażan, ta' min għandu ċ-ċans jistrieħ kemm irid, imma jistrieħ meta jrid.

Dan hu l-oċean. Taħtu hemm moħbija l-qilla tal-imgħoddi. Fih hemm moħbija dak l-ewwel żmien meta bdiet il-ħajja. Għax l-oċean jafu. L-oċean rasu kbira. Jaħseb għalhekk li kien minn dejjem.

Hemm imbagħad fl-oċean illoġika bla tarf. Tafu x'jiġifieri illoġiku? Illoġiku jiġifieri dak il-bniedem li ma jafx jirraġuna. Tipprova ssib xi ħaġa fil-ħsieb jew fid-diskors tiegħu, imma ma ssibx. Tippruvax għalhekk tifhem l-oċean li tara jħabbat miegħu nnifsu, jew inkella ma' xi daqsxejn ta' gżira. Lanqas tipprova tifhem l-oċean ta' ġo fik.

Dan x'inhu dan l-oċean ta' ġo fina?

Dażgur? Mela ma tafx? Ġo fina għandna oċean. Huwa l-oċean tal-inkonxju kollettiv li tkellem dwaru ċertu Jung. Dan l-oċean tan-naħa t'isfel ta' moħħna għandu minn dan l-oċean ta' baħar li qegħdin nitkellmu dwaru. Ġewwa fina, fejn ma jidhirx li hemm dinja kbira kbira, mimlija illoġiċità, sewda fil-lewn, mimlija ambivalenzi u multivalenzi, jew ħwejjeġ li jmorru kontra xulxin. Dawn id-dinjiet jagħmlu, qisu l-oċean il-kbir li aħna xrobna minnu sa mit-twelid tagħna u anki wara l-istess twelid. Mhux ta' b'xejn, għalhekk li aħna nibżgħu ta' sikwit.

Imma għalfejn għandna nqanqlu l-oċean vast tal-qiegħ nett ta' moħħna? Għalfejn għandna ntaqqlu din l-eżistenza tagħna b'dawn il-kumplessitajiet? Mhux aħjar kelb rieqed ma nqajmuhx? Jew, ma jkunx aħjar jekk inħallu l-oċean ta' fina rieqed u nitkellmu miegħu biss meta jkun seren?

Tajjeb. Nagħmlu hekk. Imma kemm hu possibbli li nitkellmu mal-oċean meta rridu aħna u aħna biss? Dan m'huwiex possibbli dejjem. Anzi, fil-biċċa l-kbira tal-każi dan ikun impossibbli. Għalhekk, irridu jew ma rridux, ikollna niffaċċjaw dan l-imbierek oċean.

Min-naħa tagħna, ma nagħmlux ħażin jekk nifhmuh xi ftit dan l-oċean ta' ġo fina. Ladarba nifhmuh xi ftit, inkunu qegħdin nifhmu wkoll daqsxejn minna nfusna, xi ftit mill-personalità kollettiva tagħna, jew biex ma ninstemgħux tqal, inkunu qegħdin nifhmu xi ftit dwar il-għala naħsbuha b'ċertu mod, nagħmlu ċerti ħwejjeġ, nibżgħu mingħajr ma nkunu nafu u nħossu ċerti sensazzjonijiet mingħajr ma moħħna jkun qiegħed jaħdem.

Sabiħ l-oċean, għax fi kruhitu jaħbi l-ġmiel tal-imgħoddi u l-preżent tagħna. Hemm isfel, f'dak id-dlam vast u għammieq hemm moħbija l-fdalijiet qodma tal-imgħoddi antik u remot tagħna.

Aħna, hawn Malta wkoll għandna baħar. Imma m'għandniex il-vastità tal-oċean. Il-baħar tagħna huwa ċkejken. Huwa l-baħar Mediterran – huwa l-baħar, biex ngħidulu hekk, tal-kompromessi għax qiegħed f'nofs l-art, jew aħjar bejn art u art. L-oċean le. L-oċean irid il-libertà vasta. Il-libertà assoluta. Għalih ir-restrizzjonijiet ma jriġux. Huwa tip ta' baħar, biex insejħulu hekk, li ma jridx min jindaħallu. Huwa l-baħar li joħlom il-ħolm tiegħu fl-istess ħolm tiegħu.

Fil-poeżija Maltija, l-oċean ma jidħolx ta' sikwit. Jidħol aktar il-baħar blu u mxemmex. Jidher għalhekk li l-baħar fil-poeżija tagħna huwa għajn ta' ħlewwa u serenità. Lanqas m'huwa l-baħar qalil li ra l-gwerer u l-ġlied bejn l-istess ġirien Mediterranji, għalkemm l-istorja tal-baħar Mediterran hija storja ta' ġlieda u gwerer. Imma għall-kuntrarju, il-baħar Mediterran jidher bħala dak il-baħar tat-turisti – nadif u mimli b'influssi li ġew minnaħa ta' lilhinn minn dan il-baħar. Il-bajjiet u l-baħar tagħna għal ħafna poeti saru ispirazzjoni fis-sens ta' deskrizzjoni fuq it-tila, bil-kliem, fix-xeni pittoreski u bi ġmiel mimli kuluri.

U waqtiet serva bħala s-simbolu ta' taħlit ta' valuri u ta' kriżijiet ta' kuxjenza u ta' identitajiet. Dawn il-kriżijiet, madankollu, m'humiex irriżultat tal-baħar, aktar milli r-riżultat ta' valuri u modi t'għajxien miġjuba minn barra, kif naraw fil-poeżija "Il-Bajja ta' San Tumas" ta' Daniel Massa. Il-baħar, li huwa

motiv importanti fil-poeżija ta' Massa, iservi wkoll bħala mezz kif il-poeta jiskopri aktar lilu nnifsu bħala Malti – hemm ... hemm isfel qalb l-artikli kkuluriti, qalb il-lampuki u l-fanfri li kienu qegħdin jaqbdu finnases tagħhom is-sajjieda Maltin.

Dan narawh ukoll fil-poeżija tiegħu "Delimara". Hawnhekk il-poeta ħass dak li ngħidulu d-"*déjà vu*". Dak is-sens li xi darba jew oħra kien diġà hemm ... hemm isfel. Nistgħu nqisuh ukoll bħala l-inkonxju kollettiv ta' C. G. Jung.

Ġorġ Pisani wkoll jitkellem dwar il-baħar u l-ġżira fil-poeżija "Kemmuna", u għalhekk din il-ġżira, imħabbta mill-baħar, issir is-simbolu tad-dwejjaq tiegħu. Huwa l-istess baħar li jiċċelebra bis-sħiħ Dun Karm, u li jfakkru fil-ġlied tal-imgħoddi – l-Assedju l-Kbir u l-Assedju tat-Tieni Gwerra Dinjija kif jidher mill-poeżija "E-Boats". Huwa l-baħar pittoresk li jitkellem dwaru Ġorġ Zammit fejn l-enfasi qiegħda fuq il-lewn sabiħ, id-dija u d-dawl, u l-ġmiel tan-natura li bih huwa mżejjen il-baħar tagħna. Huwa l-baħar ħelu tal-luzzu Xlukkajr. Imma, min-naħa l-oħra, m'huwiex il-baħar tat-traġedja tas-sajjied Xlukkajr.

Is-simboliżmu huwa għodda importanti fl-istħarriġ tal-poeżija. Ladarba nifhmu kemm is-simboliżmu jgħin fil-bini tal-immaġni poetika, inkunu qegħdin nifhmu wkoll il-poeżija. U nibdew nifhmu l-poeżija, inkunu qegħdin nifhmu wkoll lilna nfusna, mhux biss bħala Maltin, jew bħala ċittadini tad-dinja, imma bħala ċittadini tal-kożmos. U dan huwa dak li tipprova tagħmel il-poeżija – tgħinna nintuwixxu aktar il-kożmos bla tarf tal-eżistenza, sakemm anki din l-istess eżistenza tagħna bħala individwi tiġi fi tmiem biex mill-partikolari ngħaddu għall-universali – il-kożmos infinit u etern.

"AĦNA SINJURI"

NOTI DWAR IR-RUMANZ TA' J.J. CAMILLERI

Dan ir-rumanz huwa fil-qofol tiegħu soċjali. Jistħarreġ problemi tas-Sittinijiet hawn Malta minn lenti li anki jekk ma naqblux miegħu jkollna nammettu li joqogħdu mal-ġeneru tar-rumanz soċjali.

Fost uħud mill-problemi li jissemmew hemm: (1) id-differenzi bejn il-klassijiet; (2) l-ipokresija u l-antiklerikaliżmu; (3) xogħol l-individwu quddiem il-korruzzjoni, saħansitra wkoll industrijali bejn is-siġien u l-unjins li suppost jiddefenduh.

In-narrattiva tar-rumanz hemm fejn tgħaddi minn kronaka għall-oħra u hemm fejn jidħlu xi kummenti analitiċi. Il-ġrajjiet li jiffoka fuqhom Camilleri ma għandhomx skop fihom infushom imma biex bihom ikun jista' jfisser il-filosofija soċjali tiegħu, li xxaqleb żgur lejn naħa waħda ċara tax-xena politika Maltija.

It-teknika mħaddma tagħmel wisq ma' tal-"alla-li-jaf-kollox". Camilleri juri li jaf kulma jidhirlu li għandu jkun jaf fuq il-moħħ tal-karattri tiegħu u fuq l-iżvilupp tal-ġrajjiet f'ħajjithom. Kulma l-karattri ma jkunux jafu fuqhom infushom hu kapaċi jasal għalih u jurihulna bid-dieher. B'hekk, ma jżommx lilu nnifsu lura fl-irrakkuntar u l-impressjoni tal-aħħar f'moħħ il-qarrej hi waħda ċara: il-personalità ta' Camilleri tidher wisq matul ir-rumanz, l-aktar għax m'hemmx dik iċ-ċerta maturità fl-iżvilupp tan-narrattiva u tal-karattri. Wisq aktar bl-indħil kapriċċuż ta' ċerti kummenti moraleġġanti u riferenzi qawwija u periferali (għan-narrattiva tiegħu) għall-Istorja, bħal: "Fit-triq tar-Rabat, l-akwedott tal-ġebel li bena l-Granmastru Alfju Wignacourt fl-1610 għadu samm u s-snin li għaddew minn fuqu ma mermruhx" (paġ. 64) u "Il-ġrajja ta' Malta minquxa f'dawn il-ħitan sammi hi ġrajja ta' niket, hemm u jasar. Il-Maltin, żgħar fiċ-ċokon tagħhom dejjem issieltu għal ħaddieħor u tqatlu għall-barrani ... Il-Franċiżi nqdew ... [bis-swar] biex iġġieldu kontra min bniehom. Xogħol tal-ġganti li tela' għandu mnejn taħt id-daqqiet tal-frosta u t-theddid tal-argużini .... Xi wħud mill-bereġ fejn darba l-kavallieri kienu jgħammru fil-lussu u l-ħela. X'sar mill-għamara u r-rikkezzi ta' dawn id-djar, għandu jkun ħadd ma jaf. Illum, il-biċċa l-kbira huma għerja. Matul iż-żminijiet, ir-rikkezzi weħlu mal-idejn u ħafna minnhom jinsabu bogħod minn Malta. Wirt il-poplu kien minn dejjem f'idejn il-barrani u min kien fid-dmir li jħarsu u jibża' għalih, issieħeb u qasam miegħu biex jinħabb. Il-poplu injorant lanqas ma ħabbel rasu. Dejjem immexxi minn imnieħru qatt ma waqaf biex jaħseb. Jistħoqqlu mela kulma ġralu" (paġ. 78; ara wkoll paġ. 79).

Hemm imbagħad riferenzi żejda għall-Istorja Soċjali, ngħidu aħna, b'riferenza għall-Imnarja u l-Buskett: "Dari, in-nies tal-kampanja ftit kellhom fiex jedhew, u għalhekk kienu jistennew l-Imnarja bil-ħerqa..." (paġ. 74, 75).

Hawn jidher ċar li l-interess tar-rumanzier m'huwiex ir-rumanz imma d-dokumentazzjoni folkloristika passiva. L-istess jgħodd għall-ħanżira tal-erwieħ (paġ. 114–116) u s-sajd (paġ. 62–63). M'hijiex l-azzjoni li tmexxi lill-karattri, jew il-karattri li jrieġu l-azzjoni, imma r-rumanzier li jħaddimhom bħala l-għodda tiegħu għalih.

RIFERENZA

1

Aqra sewwa l-versi li ġejjin u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara:

Tħaddankom l-art li xorbot id-demm tagħkom,
jilqagħkom Alla li mexxiekom mixja
sa tarf l-irdum, fl-irdum qed jistenniekom
biex Hu f'idejh jiftħilkom il-belt tiegħu.
Is-swar ta' daru isħeħ mis-swar tagħna,
f'għajnejh dit-telfa se jbiddilha f'rebħa,
għax hemm miktub li Huwa xeħet ħarstu
fuq iċ-ċkejknin u lill-kburin nesiehom.

Mejtin ta' ġensna, ma tmutux qatt iżjed,
twelidtu llum għax bnejtu ġens minn blata,
isimkom ma jaqax sakemm hi tibqa',
bħas-swar se tibqgħu tgħassu dejjem magħna,
fejn ma dħaltux b'riġlejkom dħaltu b'ruħkom,
ix-xitla li ħawwiltu se tissaqqa
sa tikber f'siġra kbira kif xtaqtuha.
Stennew, stennew, stennew, mejtin ta' ġensna,
se nġorru aħna d-dmir li xħettu fuqna,
u jekk jitqal iżżejjed għal dirgħajna
ngħadduh sa ma jisseddaq lil uliedna.

MISTOQSIJIET

1. Agħti isem il-poeta.
2. X'jisimha l-poeżija?
3. Agħti fi kliemek is-sens ta' din is-silta.
4. Fisser is-sens ta' din is-silta fil-kuntest tal-poeżija kollha fil-ktieb.
5. Ma' liema ġeneru tagħmel din il-poeżija? Għala?
6. Lil min qed ikellem il-poeta f'din is-silta? X'rabta hemm bejn il-mejjin u l-mejtin?
7. X'sehem għandu Alla kif jippreżentah il-poeta f'din is-silta? Ikkummenta b'riferenza wkoll għall-poeżiji "Is-Sultan La Valette lill-Belt Valletta" ta' Ġan Anton Vassallo u "Il-Għanja tar-Rebħa" ta' Dun Karm.
8. Ikkummenta fuq it-ton patrijottiku tad-deklamazzjoni f'din is-silta.
9. X'inhi l-forma ta' din is-silta?
10. Ikkummenta fuq ir-ritmu u r-rima u/jew in-nuqqas tagħha f'din is-silta.
11. Sib xi xbihat letterarji u influwenzi bibbliċi fuq il-poeta f'din is-silta u ikkummenta fuqhom fl-isfond tas-silta kollha fil-ktieb.

GĦALL-KUNTEST

ASPETTI RELIĠJUŻI FI 3 POEŻIJI

2

Aqra sewwa l-versi li ġejjin u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara:

U rajt fuq fommok bħal tbissim ta' ġenna...
Xofftejk jitriegħdu, bħal qegħdin jitkellmu...
Hekk, ħsibt, bejniethom fis-smewwiet jitbissmu,
Meta wieħed lill-ieħor l-anġli jsellmu!.

5 *Ċass hekk bqajt tħares, sakemm fl-aħħar għebet*
Ix-xemx fil-baħar u ntfiet fl-art id-dija...
U siket l-għana tal-għasfur fil-ġonna,
U d-dalma waqgħet mill-għoljiet ġeblija...

... Ftit xhur biss wara rajtu jifrex fuqek
10 *L-anġlu ħabbâr tal-mewt ġwenħajh dellija,*
U jrodd fuq ġbinek bewstu kiesħa kiesħa,
Bħaż-żiffa mreżżħa tal-għodwiet xitwija.

U rġajt tbissimt bħal dak in-nhar fl-għaxija
U wqajt bħal warda fl-isbaħ jiem ta' Mejju...
15 *Ħassejt madwari bħal tferfir ta' ġwienaħ*
U daqq u għana moħbi l-aktar ħlejju!...

MISTOQSIJIET

1. Agħti isem il-poeta.
2. X'jisimha l-poeżija?
3. Agħti fi kliemek is-sens ta' din is-silta.
4. Fisser is-sens ta' din is-silta fil-kuntest tal-poeżija kollha fil-ktieb.
5. Ma' liema ġeneru tagħmel din il-poeżija? Għala?
6. Ma' min qed jitkellem il-poeta? Ikkummenta b'riferenza għall-intimità kbira li tinħass għaddejja l-ħin kollu fis-silta.
7. Il-poeta jsemmi l-fomm (v. 1), ix-xofftejn (v. 2) u l-ħars (v. 5). X'rabta hemm bejn dawn is-sensi u l-mewt riesqa ftit xhur wara? (ara, vv. 9–12)
8. Il-poeta jinqeda wisq bin-natura biex jinterpreta l-esperjenza tal-mewt. Agħti l-eżempji li tista' mis-silta u ikkummenta fuqhom b'riferenza għall-poeżija kollha.
9. X'inhi l-forma ta' din is-silta?
10. X'inhuma r-ritmu u r-rima ta' din is-silta? Agħti xi eżempji biex twettaq il-kummenti tiegħek.
11. Sib ix-xbihat letterarji ta' din is-silta u ikkummenta fuqhom fl-isfond tal-poeżija kollha.

3

Aqra sewwa l-versi li ġejjin u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara:

... il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
il-ħsejjes tax-xorok jinqalgħu,
il-qabar, il-għadam, id-dud,
il-ħabel iżaqżaq bil-piż tat-tebut;
5 *il-ħoss tal-kazzola mal-art,*
u l-qabar jitgħatta bil-ward;
imbagħad lura d-dar,
u talb u rużarju
sa xħin il-ħin sar;
10 *il-qraba u l-ħbieb*
qajl qajl qabdu l-bieb,
u bqajna ġo darna
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
15 *jiena u l-Baħħ*
il-Baħħ u jien;
jien nibki u l-Baħħ jibki
ħdejn sodda ta' tnejn
mifruxa ta' xejn!

MISTOQSIJIET

1. Agħti isem il-poeta.
2. X'jisimha l-poeżija?
3. Agħti fi kliemek is-sens ta' din is-silta.
4. Fisser is-sens ta' din is-silta fil-kuntest tal-poeżija kollha.
5. Ma' liema ġeneru tagħmel din il-poeżija? Għala?
6. Ma' min qed jitkellem il-poeta? Ikkummenta b'riferenza għall-intimità kbira li tinħass għaddejja l-ħin kollu fis-silta u qabbel mal-intimità li sibt fit-taħriġ għas-silta ta' qabel din.
7. Il-poeta kemm isemmi d-dettalji tal-ġrajjiet kif iseħħu f'daqqa wara xulxin u ma jikkummentax bil-kliem imma bl-emozzjoni tiegħu. Għala taħseb li jagħmel hekk?
8. 'Il min taħseb li qed jippersonifika l-"Baħħ" (vv. 15–17) f'din is-silta?
9. X'tikkummenta fuq il-forma ta' din is-silta?
10. X'inhuma r-ritmu u r-rima ta' din is-silta? Agħti xi eżempji biex twettaq il-kummenti tiegħek.
11. Sib ix-xbihat letterarji ta' din is-silta u ikkummenta fuqhom fl-isfond tal-poeżija kollha.

2. It-Traduzzjoni

Albert Einstein (li twieled fl-1879) kien xjenzjat Ġermaniż. Meta Hitler tela' fis-setgħa fil-Ġermanja, mar l-Ingilterra u wara mar joqgħod l-Amerika, fejn baqa' jgħix sakemm miet fl-1955.

Kien matematiku li l-fehmiet tiegħu kienu tant qabel żmienu li ftit wisq kienu l-oħrajn li setgħu jifhmuhom – għalkemm b'ċerti osservazzjonijiet astronomiċi setgħu jagħrfu li bilfors kien fit-triq it-tajba.

Magħruf l-aktar għat-Teorija tiegħu tar-Relattività, li żviluppaha għall-ewwel darba bħala żagħżugħ meta kien joqgħod l-Iżvizzera. Bħal Isaac Newton bidel l-ideat tagħna fuq in-natura tal-univers.

3. L-Ittra jew ir-Rapport[1]

144 Triq tad-Daqqaq,
Iż-Żurrieq.

Is-Segretarju,
Dar l-Anzjani,
Ħal Muxi,
Ħaż-Żebbuġ,
Malta.

20 ta' April, 1991

Għażiż Sur Segretarju,

Fil-gazzetta ta' Ibieraħ iltqajt mal-avviż tad-Dar tagħkom biex fis-sajf li ġej iż-żgħażagħ Maltin jaslu wasla sa għandkom biex iwettqu xi xogħol volontarju.

Jiena lest li ngħinkom b'qalbi kollha. Is-sajf li għadda diġà mort f'dar oħra tal-anzjani u nista' ngħidlek li kienet esperjenza mill-akbar għalija. Jiena nista' nagħmel xogħol ta' tibjid, tikħil, żebgħa, twaħħil ta' wajers u kull xorta ta' tiswijiet fil-pajpijiet tal-ilma fejn ikun hemm bżonn. Jekk trid, nista' noqgħod naqra r-rumanzi bil-Malti lix-xjuħ ukoll.

Irroddlok ħajr bil-quddiem u nistenna mingħandek.

Dejjem tiegħek,

Lino Said

4. Il-Qwiel u l-Idjomi

(a) *L-Idjomi*

(i) Biex jasal wasla sa għand il-kappillan *ġieb id-dinja fit-tarf* u mbagħad ma laħqux.

(ii) Wara dik il-partita *saħnet il-qiegħa* u l-partitarji kellhom jitferrxu mill-pulizija.

(iii) Sakemm tarrfilna xi ħaġa fuq zijuh tal-Awstralja qala' *r-razza u r-radika* kollha f'temp ta' kwarta.

(iv) Malli smajna b'dik id-diżgrazzja *ġibna għajnejna wara widnejna* bit-tbatija kollha tal-midrubin.

(v) Billi weħilt mill-eżami tal-kompjuter *m'hix se taqa' d-dinja*.

(b) *Il-Qwiel*

(i) *Qabel il-ħġejjeġ tbiddilx ħwejjeġ.*
Il-kesħa, il-bard u l-qilla tax-xita jispiċċaw żgur fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju.

(ii) *Fiċ-ċokon 'ajma rasi', fil-kobor 'ajma qalbi'.*
It-tfal iż-żgħar jinkwetaw lill-ġenituri u jaqsmulhom qalbhom meta jikbru.

(iii) *Jara t-tibna f'għajn ħaddieħor u ma jarax it-travu f'għajnejh.*
Jara d-difetti ż-żgħar ta' ħaddieħor u ma jarax id-difetti l-kbar tiegħu.

[1] Għalkemm fil-karta tal-eżami ntqal li l-isem u l-indirizz iridu jitħallew barra, qed niktbuhom xorta waħda biex l-istudent jidra l-użu prattiku tagħhom. Madankollu, fl-eżami wieħed irid jisma' dejjem mit-twissijiet miktuba.

L-ITTRA *JEW* IR-RAPPORT

minn Ġorġ Mifsud

1 – IR-RAPPORT

F'dan it-taħriġ trid tikteb rapport ta' madwar 80 (tmenin) kelma. Irid jintuża l-istil u l-vokabolarju f'waqthom skond is-sitwazzjoni prattika li tkun fiha.

Inti ġurnalista ma' waħda mill-gazzetti Maltin ewlenin. Għadhom kif telqu r-refuġjati Albaniżi minn Malta u trid tikteb rapport qasir ħafna fuq l-avventura tagħhom f'pajjiżna.

Ikteb ir-rapport tiegħek u imxi ma' dawn il-punti, jew ma' oħrajn, jekk trid, li jidhirlek li huma aħjar: kemm ġew Albaniżi; x'jisimhom iż-żewġ vapuri li ġew fuqhom; meta resqu lejn pajjiżna; il-pożizzjoni soda tal-Gvern Malti; it-theddid ta' l-Albaniżi stess li lesti jmutu bil-ġuħ; l-għajnuna umana li ngħataw mill-Gvern, mill-Knisja u mill-poplu; l-għajnuna morali li taw bosta voluntiera żgħażagħ; x'jistgħu jieħdu l-Maltin ta' llum u tal-ġejjieni minn din l-esperjenza li ħabbtitilna għal għarrieda imma li sibna tarfha aħjar mit-Taljani.

2 – L-ITTRA

F'dan it-taħriġ trid tikteb ittra ta' madwar 80 (tmenin) kelma. Irid jintuża l-istil u l-vokabolarju f'waqthom skond is-sitwazzjoni prattika li tkun fiha.

Dar ta' l-anzjani għamlet talba fil-gazzetti biex fis-sajf li ġej iżżgħażagħ Maltin imorru jagħmlu xogħol volontarju. Ikteb ittra biex tgħarraf lil din id-dar ta' l-anzjani li inti tixtieq tgħin u kif tista' tagħti l-għajnuna tiegħek. (Mill-karta ta' l-eżami, Mejju–Ġunju, 1991)

Ikteb din l-ittra u indirizzaha lid-Direttur tad-dar ta' l-anzjani. Ikteb l-indirizz ta' din id-dar ukoll. Tista' ssemmi l-ideat tiegħek jew tagħżel xi wħud minn dawn li ġejjin biex bihom turi x'taf tagħmel: it-tindif u l-ħasil tal-post u tax-xjuħ stess; il-ħjata; xogħol ta' tibjid, ta' mastrudaxxa, ta' plaming; rextar u divertiment ieħor fuq il-palk ma' sħabek taċ-Ċentru Parrokkjali u/jew ta' l-iskola; qari ta' rumanzi antiki u moderni; logħob tal-maġija; organizzazzjoni tal-librerija; xogħol klerikali bil-kompjuter; u ħarġiet fejn il-baħar u/jew fil-kampanja.

3 – IR-RAPPORT

F'dan it-taħriġ trid tikteb rapport ta' madwar 80 (tmenin) kelma. Irid jintuża l-istil u l-vokabolarju f'waqthom skond is-sitwazzjoni prattika li tkun fiha.

Għar-rivista taċ-Ċentru taż-Żgħażagħ trid tikteb rapport qasir fuq is-suċċess kbir tal-Maltin fil-Logħob ta' Andorra f'Mejju li għadda.

Ikteb ir-rapport tiegħek u imxi ma' dawn il-punti li ġejjin jew ma' oħrajn tiegħek li forsi jidhirlek li huma aħjar minnhom: Malta kkwalifikat għall-ewwel darba biex tieħu sehem f'erba' finali tal-kompetizzjonijiet ta' l-għawm; sehem Christian Gialanze f'żewġ finali; sehem Gail Rizzo u Katya Pace, għalkemm għandhom biss tnax-il sena; l-importanza ta' l-ambjent sportiv fil-familja meta wieħed jiftakar li dawn it-tlieta ġejjin minn familji ta' atleti, plejers jew kowċijiet magħrufa; ir-rekords li nkisbu għal Malta; ir-raġunijiet għas-suċċessi li nkisbu; il-kompetituri Maltin huma ħames snin iżgħar jekk mhux aktar ukoll mill-barranin; x'hemm bżonn li jsir, bħall-pixxina nazzjonali

---

(iv) *Li l-kliem kien ġawhar is-skiet aħjar minnu.*
Is-silenzju m'hawnx isbaħ minnu fid-dinja.

(v) *Il-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn.*
It-tqasqis isir fuq xi ħaġa.

5. Il-Grammatika

(a) L-għerq u n-nom singular ta': (i) lagħab ⇐ L-GĦ-B ⇒ logħba; (ii) waqa' ⇐ W-Q-GĦ ⇒ waqgħa; (iii) ġera ⇐ Ġ-R-J ⇒ ġirja; (iv) għażel ⇐ GĦ-Ż-L ⇒ għażla; (v) għam ⇐ GĦ-W-M ⇒ għawma.

(b) Il-plural miksur: (i) serp ⇒ sriep; (ii) bieb ⇒ bwieb; (iii) xhud ⇒ xiehda; (iv) xahar ⇒ xhur; (v) bolla ⇒ bolol.

(ċ) L-imperattiv plural: (i) ħa ⇒ ħudu; (ii) għamel ⇒ agħmlu; (iii) bagħat ⇒ ibagħtu; (iv) ta ⇒ agħtu; (v) qala' ⇒ aqalgħu.



Ir-rumanz il-ġdid ta' Frans Sammut. Il-persunaġġi jinħassu maqbudin fil-ġrajja li titfa' dawl qawwi fuq il-problema soċjali li qed jinkwieta fuqha kulħadd.



It-tielet edizzjoni tar-rumanz magħruf ta' Frans Sammut: l-istudenti kollha jmisshom jaqrawh għax għadu frisk daqs meta ħareġ għall-ewwel darba fl-1975. X'siwi għandu l-leħen li jgħajjat fid-deżert għall-ġid tal-kotra?

Merlin Library LTD.

Mountbatten Str.,
Blata l-Bajda;
Tel: 234438

57, Old Bakery Str.,
Valletta;
Tel: 603112

KWIZZILMALTI

SPONSORJAT MID-DITTA SAID INTERNATIONAL TAL-BELT VALLETTA

MISTOQSIJIET FUQ "ANALIŻI" VOL. 5 N. 1

1. Semmi l-isem ta' żewġ poetessi moderni Maltin.
2. Agħti żewġ poeżiji ta' Dun Karm.
3. X'jiġifieri l-kelma 'Mandala'?
4. Min qaleb għall-Malti l-poeżija "I sepolcri" ta' Ugo Foscolo?
5. Meta nbena l-akwedott tal-Imrieħel?

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom sal-15 ta' Diċembru, 1991 u r-rebbieħ jingħata premju ta' Lm5 kotba ppubblikati mid-ditta Said International ta' Triq Żakkarija, il-belt Valletta.

TWEĠIBIET GĦAT-TISLIBA "ANALIŻI" N. 20

MIMDUDIN: 1. Mard; 4. Gabuba; 9. AEI; 10. NE; 11+23. Erbgħin; 13. Nejja; 15. Tjur; 17. Għajnejn żoroq; 19. IU; 20. Art; 21. Ja; 24. Aqra; 25. Rabta; 28. AR; 29. AWRA; 31. BEJJ; 33. Aqlibli; 36. Nitf; 37. Ħalliela; 38. AX; 39. Afu; 41. NI; 42. Sink.

WEQFIN: 1. Mingħajr xaħam; 2. Rajja; 3. Dejn; 5. Antnin; 6. Bejżu; 7. Berraq; 8. AR; 12. Baqta; 14. EA; 16. UO; 18. Orrajt; 22. AA; 23. Għarbiel; 24. Arena; 26. Ballun; 27. Twil; 28. AB; 30. Alla; 30a. Fdawk; 34+23 mimduda. Qafla; 35. IA.

TWEĠIBIET GĦAL KWIZZILMALTI "ANALIŻI" VOL. 4 N. 5

1. 1864; 2. Ġużè Diacono; 3. Ballata; 4. Ma jifhmux sewwa s-suġġett u sentenzi twal; 5. Ideat prefabbrikati u żbalji ortografiċi bl-addoċċ.

TWEĠIBIET GĦALL-KOMPETIZZJONI "IR-RIVISTA" N. 1

Kliem minn ĦARES: ħa, ra, sar, ras, erħa, ħarsa, reħa, serħ, se, era, re.

IR-REBBIEĦA

Marienza Spiteri, "Ninocthka", Vjal l-Indipendenza, il-Mosta; Sharon Pace, 10 Triq Santa Tereża, Birkirkara; Mariella Muscat, Blokk 1, Flatt 8, Triq id-Deheb Fin, Ħal Qormi.

TISLIBA "ANALIŻI" NUMRU 21

TISLIBA FUQ L-IDJOMI U L-QWIEL

minn ĠORĠ MIFSUD

SPONSORJATA MILL-MERLIN LIBRARY TAL-BLATALBAJDA



Nota: L-għ u l-ie jitqiesu bħala ittra waħda; għalhekk iridu jitqiegħdu kull darba f'kaxxa waħda.

Ikkopja t-tisliba u ibgħatha lil: "L-Editur", *Analiżi*, Il-Liċeo Superjuri Ġann Franġisk Abela, L-Imsida sal-15 ta' Diċembru, 1991. Ir-rebbieħ jingħażel bix-xorti u jingħata l-premju ta' Lm5 kotba mid-ditta Merlin Library tal-Blata l-Bajda.

MIMDUDIN

1. Ihobb jittanta lix-... ... għax jittanta lin-nisa u lit-tfajliet. (4+8)
9+36 wieqfa. Imdallam. (5)
10+40 mimduda. Avżat. (6)
11. Kemm hu oħxon! Qisu ajruplan tal-gwerra; qisux ... (5)
13. Kollox kif irid hu, xhin irid u xhin jogħġbu, qisu r-... Ġorġ. (2)
14. Interjezzjoni enfatika li fl-antik kienet tingħad biex twaqqa' għaċ-ċajt u tiżżuffjetta b'dak li jkun. (2)
15. L-ewwel u l-aħħar għerq ta' 'baram'. (2)
16. Telaq mistħi u miksur għax telaq ... ... (4)
18. Fil-Milied, iż-... ħdeja il-ġamra jsaħħan wirkih. (5)
20. Mar minn taħt għax baqa' bil-... (4)
21. Skond dan il-fergħa. (4)
24. 'Mazza' mkissra. (5)
25. B'qatra għasel taqbad minnu iżjed milli b'mitt barmil ħall. (6)
29. L-għeruq tal-verb moħfi 'sab'. (3)
30. Ara nru 2 wieqfa. (5)
32. Tnejn mill-vokali Maltin. (2)
34. Taqsira tax-xahar ta' 'Awissu'. (2)
35. Is-suffiss għal xi konġuzjonijiet bil-Malti. (2)
36. Biċċa minn 'kuritur'. (2)
37. Nota mużikali. (2)
40. Ara nru 10 mimduda. (2)
41. Ma jaqblu f'xejn għax m'humiex ... (6)
42. Ara 7 wieqfa. (3)

WEQFIN

1. Tant għakksu u ħaqru li ... ... (7+5)
2+30 mimduda. Din fil-fliexken iż-żgħar qiegħda. (7)
3. F'Marzu l-flissjonijiet komuni bħax-... (6)
4+19 wieqfa. Tista' tgħidlu ... għax intilef. (5)
5. Sfidah għad-... għax sfidah għall-ġlied. (5)
6+21 wieqfa. Naħa. (10)
7+42 mimduda. Eżistenza. (5)
8. Sabha sewwa, mingħalih! (7)
12. Għal uliedha giddieba u ħalliela. (3)
17. Donnu t-... tal-ġudizzju x'leħen iwassal għandu! (6)
18. L-għeruq sħaħ ta' 'żejt'. (2)
19. Ara nru 4 wieqfa. (2)
21. Ara nru 6 wieqfa. (6)
22. Ħu mill-konsonanti ta' nru 21 mimduda. (2)
23. Minnu mnissel in-nom 'mkien'. (3)
24. Kelma tal-ħarrâta biex iwissu lill-barrin huma u jaħartu. (2)
26. L-għajta tar-raġħaj lill-bhejjem tiegħu biex jitħarrku. (3)
27+40 wieqfa. Tan-nanna ħelwa manna, tal-missier iżommok ilsir. (5)
28+33 wieqfa. Waqqħuhom għaċ-ċajt. (5)
31. Hekk jispiċċaw in-numri minn 11 sa 19. (2)
33. Ara nru 28 wieqfa. (2)
36. Ara nru 9 mimduda. (3)
38+39 wieqfa. Inaqqas. (4)
40. Ara nru 27 wieqfa. (2)

KOMPETIZZJONI "IR-RIVISTA" N. 2

SPONSORJATA MILL-PUBBLIKATURI GRATIS PUBLICATIONS TA' BIRKIRKARA

MISTOQSIJA

Oħroġ mill-anqas tliet kelmiet mill-ittri tal-kelma "għenieqed".

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom sal-15 ta' Diċembru 1991 u r-rebbieħ jingħata vawċer ta' Lm3 mid-ditta Gratis Publications ta' "Empire House", Triq Ħal Qormi, Birkirkara.

IL-VALLATA LOIRE



IR-RESIDENZA ANTIKA tar-re ta' Franza, kif kienet il-vallata Loire fiha temp mill-isbaħ u hija magħrufa għall-ġmiel fin u għall-aqwa nbejjed. F'dan 'Il-Ġnien ta' Franza', imsoqqi mix-xmara Loire u min-nixxiegħa tagħha, wieħed jista' jsib benna ta' arkitettura liema bħalha. Il-bliet medjevali mill-isbaħ, kastelli imponenti, u djar klassiċi kienu l-fantasija tal-periti kbar u l-ġardinara l-aktar ta' ħila tal-imgħoddi. Jipprovdu xi ħaġa magħmula mill-bniedem li titħallat f'armonija mal-kampanja li sserraħ u x-xmara li tgelgel bil-mod.

Il-belt ta' Tours tinstab bejn ix-xmajjar Loire u Cher u ta' min jaraha aktar minn darba ta' malajr. Il-Katidral ta' San Gatien huwa kapulavur Gotiku bil-kjostri Psalette fil-qrib u l-Mużew tal-Arti li fih kollezzjoni stupenda ta' pitturi. Il-Katidral Notre-Dame ta' Chartres huwa eżempju ċar ta' arkitettura safja, bil-kolonni skolpiti u d-daħla rjali taħt iż-żewġ kampnari magħmula minn ġebel mill-aqwa. Il-ħġieġ ikkulurit u mpitter fl-ikħal ileqq huwa karatteristika ta' Chartres. Hemm jistennewk il-Knisja ta' St Pierre, id-djar, l-antikità fl-injam u l-ġnub tax-xmara bil-pontijiet tagħha u skoperti oħra.

Poitier, iċ-ċitadella antika Rumana, hija waħda mill-aktar bliet storiċi importanti fi Franza. Fis-seklu XII inbena Notre-Dame-la-Grande bil-faċċata ddekorata b'mod elaborat. Dan huwa eżempju ta' rivelazzjoni ta' arkitettura Romaneska. L-Hotel Rochefort hu bini mill-edifiċċji ċiviċi li jagħtu sehemhom għar-rikkezza daqshekk kbira tal-arkitettura ta' Poitier.

Mil-lista twila ta' kastelli ta' Loire, ix-Chateau d'Azay-la-Rideau, tiela' mill-ilmijiet tax-xmara Indre, huwa ġawhra tar-Rinaxximent. Inbena minn bankier fis-seklu XVI u nħataf minn ex-re li pprova joqtol lill-bankier biex iħallsu għas-servizzi tiegħu!

Il-kastell ta' Loches bl-appartamenti rjali tiegħu u l-kwadru famuż, il-Verġni ta' Fouqet, impitter minn Agnes Sorel, jiddomina din il-belt żgħira tipika tax-xtut tax-xmara Indre.

Fis-seklu XVI il-kastell rjali ta' Amboise, wieqaf fuq ix-xmara Loire, ta kenn lil bosta xjenzjati u artisti importanti, bħal Leonardo da Vinci, li għadda fih l-aħħar snin ta' ħajtu.

Chenonceau huwa kastell abjad fantastiku b'gallarija oriġinali b'[illegible] sulari f'pożizzjoni ewlenija fuq il-pont fuq ix-xmara Cher. Dan il-kastell, li jsaħħrek bi ġmielu, inbena mir-re Franċiż Neriku II għall-maħbuba tiegħu Diane de Poitiers, li kienu jgħidulha Diane *'La toujours Belle'* minħabba l-ħarsa żagħżugħa u eterna li kellha.

Chambord huwa l-kastell l-aktar grandjuż tal-vallata Loire. Bih wieħed jista' jimmaġina l-kaċċa rjali kbira tal-kastelli kollha ta' Loire tal-imgħoddi. Indana taraġ tiddi huwa l-punt fokali tiegħu b'400 kamra, b'saqaf mill-aktar impressjonanti u b'numru kbir ta' ċmieni.

Orleans, il-belt ta' Joan ta' Arc, Blois u Anger huma wkoll ta' min iżurhom flimkien mal-kastelli ta' Cheverny, Chaumont, Chateaudun u Vendôme, ġawhriet veri tal-arkitettura.

Biex isiru l-arranġamenti kollha li jwasslukom biex tgawdu dan il-ġmiel u tapprezzaw dan il-wirt kulturali Franċiż, aslu sal-uffiċċji tal-NSTS il-Belt, 220 Triq San Pawl (tel. 244983, 246628) u Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat (tel. 553977, 558415) u ssibu t-tagħrif kollu u l-kollaborazzjoni mixtieqa.

ADRIAN STIVALA

Student and Youth Travel

- Special Student Air Fares
- Youth Hostel Accommodation
- Travel Insurance
- Surface Transportation
- International Student Identity Card
- Special Interest Groups

FOR MORE INFORMATION
PLEASE CONTACT OUR OFFICES AT

220, ST. PAUL STREET, VALLETTA, MALTA TEL: (+356) 244 983, 246 628
45, ST. FRANCIS SQUARE, VICTORIA, GOZO TEL: (+356) 553 977, 558 415